DF
Dawl Franġiskan
Leħen il-Kapuċċini Maltin
FRAR 2016
Għadd 357 • Is-36 sena
Newspaper Post IISN 1811-5373

# SENA 2015




# SENA TAL-ĦAJJA KONSAGRATA

"Morru qajmu d-Dinja"
*Il-Papa Franġisku*

**Dawl Franġiskan**
Leħen il-Kapuċċini Maltin




Dan huwa l-logo li l-membri tal-Ħajja Konsagrata f'Malta addattaw għal matul is-sena 2015-2016, sena li ġiet proprju ddedikata **lill-Ħajja Konsagrata.** Il-logo jesprimi l-proċess tal-mixja li r-reliġjużi f'Malta u Għawdex wettqu matul din is-sena. Bħad-dixxipli ta' Għemmaws imxew il-mixja tagħhom

- **ma' Ġesù** (Ġesù miexi fuq quddiem u magħhom)
- **imseħbin mill-Kelma ta' Alla...** (riġlejhom mgħaddsa fil-Ktieb tal-Kelma ta' Alla), bil-għan li twassalhom **GĦALL-EWKARISTIJA** (qsim il-ħobż) fejn hemm jiltaqgħu ma' u jagħrfu lil **Kristu Rxoxt** u fl-istess waqt mal-**Identità tas-Sejħa Tagħhom.**
- Fuq l-isfond hemm bħal fjura magħmula minn kuluri differenti. Kull petala għandha forma ta' persuna. Dawn jirrappreżentaw il-varjetà ta' reliġjużi bil-kariżmi differenti tagħhom fil-Knisja.

# Werrej

3 **Editorjal**
**Qajmu d-dinja!**
Fr Philip Cutajar OFMCap

5 **Tmiem is-Sena tal-Hajja Konsagrata jfisser bidu ta' ħajja ġdida**

6 **Bibbja**
**Il-qaddej li ma riedx jaħfer**
P. Donat Spiteri OFMCap

7 **Ġi.Fra**
**L-esperjenza tiegħi fil-Ġi.Fra**
Savio Debono

8 **Spiritwalità Franġiskana**
**Talb Franġiskan li jdaħħalna fir-Randan**
Fr Ivan Scicluna OFMCap

10 **Reċensjoni**
**Is-saċerdot li bata fis-skiet**
Fr Charles Buttigieg

11 **Il-Kapuċċini f'Malta**
**Kif jista' l-patri Kapuċċin jagħmel differenza fis-soċjetà Maltija tal-lum u t'għada?**
Andrea Gatt

12 **Il-Ġublew Straordinarju tal-ħniena ta' Alla (It-Tielet Parti)**
**Il-messaġġ tal-ħniena divina fil-messaġġ ta' San Franġisk t'Assisi**
Fr Mario Attard OFMCap

13 **Festi u Folklor**
**... u l-karnival reġa' magħna!**
Il-Kav. Joe M. Attard

14 **Kultura u Reliġjon**
**San Valentinu, il-patrun tal-maħbubin**
Joseph C. Camilleri

16 **Knisja: ħajja, ħidma u aħbarijiet**
**Randan mimli ħniena**
P. Silvestru Bonavia OFMCap

18 **Mill-iskola ta' Patri Piju tal-pjagi (It-Tieni Parti)**
**Il-kunventi Kapuċċini mbierka bil-preżenza ta' San Patri Piju: San Giovanni Rotondo**
Fr Joe Buttigieg OFMCap

20 **Kappelli b'relazzjoni mal-Kapuċċini**
**Il-Kappella fl-Isptar Boffa, il-Furjana**
Max Farrugia

22 **Il-Fondazzjoni Paċi u Ġid**
**Milied b'differenza**
Fr Philip Cutajar

24 **Il-Ġublew tal-ħniena ta' Alla**
**Żewġ Kapuċċini ikoni tal-ġublew tal-ħniena**
Fr Martin Micallef OFMCap

26 **Poeżija**
**Irmied**
P. Wistin Attard OFMCap

27 **Aħbarijiet tal-provinċja**
**Mid-djarju tal-Kapuċċini Maltin**
Fr Publius Mair OFMCap

30 **Press statement by the Catholic Church in Garissa**

31 **Kompetizzjoni**
**Tisliba Nru 146**
**Aqta' Min Nru 26**
P. Wistin Attard OFMCap

Bord Editorjali
Editur
Fr Philip Cutajar OFMCap
Amministratur
Dorian Holland OFS
Distributuri Malta
Alfred Ebejer
Distributuri Għawdex
Pierre E. Buttigieg OFS
Membri
Joe Debattista GFF
Marija Zammit ĠI.FRA

Direzzjoni u Amministrazzjoni
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211
Telefown: 2123 3874, 2122 5525, 2123 4949
Imejl:
dawlfrangiskan@gmail.com
IISN 1811-5373
Disinn u Stampar
Best Print Co. Ltd
Telefown: 2168 0789

© Dawl Franġiskan 2016
Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini

Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena.
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-direttur:
Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.



# Qajmu d-dinja!

EDITORJAL
Fr Philip Cutajar OFMCap

Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd. Wasal ix-xahar ta' Frar 2016 u miegħu wasal ukoll l-għeluq tas-Sena dedikata lill-Ħajja Konsagrata. Sena li bdiet proprju nhar it-30 ta' Novembru 2014, l-ewwel Ħadd tal-Avvent, u li ser tintemm nhar it-2 ta' Frar 2016, festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju, meta wkoll jiġi ċċelebrat il-Jum tal-Ħajja Konsagrata.

Matul din is-sena kemm fil-Knisja fuq livell ta' kull pajjiż kif ukoll f'Malta u Għawdex saru diversi attivitajiet bl-iskop li jintlaħaq il-għan li għalih ġiet iċċelebrata din is-sena. Attivitajiet li kienu mmirati direttament lejn l-istess persuni konsagrati bil-ħsieb li jiġġeddu fil-ħajja tagħhom, kif ukoll lejn il-lajċi bl-għan li huma wkoll jiskopru l-valur tal-ħajja konsagrata fil-Knisja.

## Għanijiet

Nistgħu ngħidu li l-għanijiet li għalihom il-Papa Franġisku mar iħabbar din is-Sena dedikata lill-Ħajja Konsagrata kienu diversi. Fosthom nistgħu nsemmu:

1. Li bħala persuni konsagrati u reliġjużi nħarsu bi gratitudni lejn l-imgħoddi tal-istess ħajja konsagrata hekk kif bdiet mill-fundaturi, li l-Ispirtu s-Santu nqeda bihom sabiex iwaqqaf dik il-kongregazzjoni jew dak l-Ordni partikulari. Inħarsu lejn il-passat bil-għan li niskopru mill-ġdid 'il-grazzja tal-bidu', l-għeruq tal-kariżma, u b'hekk inkunu nistgħu nimtlew bl-istess entużjażmu tal-bidu. Niskopru l-identità tal-kariżma fit-twelid tagħha, bil-għan li naraw kemm bqajna fidili lejha, dejjem fil-kuntest tas-sinjali taż-żminijiet tal-lum.

2. Għan ieħor kien dak li ngħixu l-preżent b'passjoni. Il-memorja grata tal-passat timbuttana bħala persuni konsagrati sabiex, fis-smigħ attent ta' dak li llum l-Ispirtu s-Santu qed jgħid lill-Knisja, inwettquh b'mod dejjem iżjed profond. Għalkemm meta nitkellmu mill-preżent niltaqgħu ma' diversi sfidi li rridu nħabbtu wiċċna magħhom, qatt m'għandna naqtgħu qalbna, bil-għan li nżommu sħaħ l-aspetti kostituttivi tal-ħajja konsagrata. Quddiem din ir-realtà, bid-diversi diffikultajiet li hemm marbuta magħha, aħna bħala persuni konsagrati rridu dejjem nistaqsu lilna nfusna: *"Ġesù hu tassew l-ewwel u l-unika mħabba, kif wegħidna meta stqarrejna l-voti tagħna dakinhar tal-professjoni reliġjuża tagħna?"*

3. It-tielet għan li nemmen li għalih ġiet iċċelebrata din is-Sena ddedikata lill-Ħajja Konsagrata, u li issa waslet biex tintemm, kien dak li nħarsu lejn il-futur u nħaddnuh bit-tama. Meta nitkellmu mill-ħajja reliġjuża u l-istorja tagħha fil-Knisja, niskopru li dejjem kien hemm problemi, diffikultajiet u sfidi marbuta maż-żmien. Kien hemm, għad hemm u jibqa' jkun hemm. Dawk preżenti huma ħafna. Forsi l-aktar li jinħassu huma: in-nuqqas ta' vokazzjonijiet, iż-żieda fl-età tar-reliġjużi preżenti u mhux inqas l-attakki tal-materjaliżmu, l-individwaliżmu u r-relattiviżmu li kontinwament qed jheddu l-ħajja tal-fidi u li jistgħu jħallu effett fuq l-istess ħajja reliġjuża.

Imma dan kollu qatt m'għandna nħalluh jaqtgħalna qalbna milli nkomplu b'viżjoni nħarsu lejn *futur* isbaħ u aħjar, mibni fuq it-*tama*. It-tama li fuqha

rridu nibnu, bħala persuni konsagrati, ma tissejjisx fuq in-numri jew fuq l-opri, imma fuq Dak li fih emminna, fuq Dak li sejħilna għal warajh, fuq Dak li wegħidna li ser jibqa' magħna sal-aħħar, fuq Dak li għalih "m'hemm xejn li ma jistax isir" (Lq. 1, 37). Hi din it-tama li ma tqarraqx. Hekk kif jgħidilna l-Papa Franġisku, *"Tagħmluhiex mal-profeti tal-isfortuna li qed ixandru t-tmiem tal-ħajja konsagrata jew jgħidu li m'għadx fadal postha fil-Knisja llum."*

## Aħna f'Malta

Il-persuni konsagrati f'Malta u Għawdex, li fil-maġġoranza assoluta huma dawk li nsejħulhom 'reliġjużi', jiġifieri patrijiet u sorijiet, ma qgħadniex lura matul din is-sena. Kemm il-Kunsill tas-Superjuri Maġġuri Reliġjużi (KSMR) kif ukoll l-Istitut tal-Ħajja Konsagrata (IĦK) ħadmu bil-għan li joħolqu diversi attivitajiet ħalli jintlaħqu l-għanijiet li semmejna u aktar. Fost dawn l-attivitajiet, fuq skala nazzjonali, ġew organizzati erba' laqgħat li fihom tajna ħarsa lejn l-imgħoddi, lejn il-preżent u mhux inqas lejn il-futur tal-ħajja konsagrata f'pajjiżna. Dawn il-laqgħat kienu msieħba minn laqgħat oħrajn fuq skala iżgħar li laħqu lir-reliġjużi miġbura fi gruppi skont l-etajiet tagħhom. Għal dawn il-laqgħat ġew mistiedna kelliema li bid-diskorsi preparati tajjeb tagħhom komplew jagħtuna dawl f'din il-mixja tagħna bħala reliġjużi. Matul din il-mixja/proċess, l-IĦK ħa ħsieb li jqassam tliet kwestjonarji lil kull persuna konsagrata f'Malta u Għawdex. Ir-riżultati għenu ħafna sabiex tkompli tinkixef ir-realtà preżenti tal-ħajja reliġjuża f'pajjiżna. Dan il-proċess ma xtaqniex li jkun xi mixja mibnija unikament fuq livell ta' xi studju akkademiku u soċjoloġiku imma pjuttost wieħed spiritwali u bibliku. Kien għalhekk li bħala ispirazzjoni għal dan il-proċess ħadna l-'mixja tad-dixxipli ta' Għemmaws'. Fil-mixja ta' dawn iż-żewġ persunaġġi, li jagħtihomlna San Luqa fl-Evanġelju tiegħu (24, 13-35) poġġejna lilna nfusna, poġġejna l-ħajja konsagrata f'pajjiżna, poġġejna l-passat, il-preżent u mhux inqas il-futur tal-ħajja konsagrata.

## Ifirħu

Matul din is-sena, jew aħjar aktar minn sena (Novembru 2014 – Frar 2016), bħala riżultat ta' dak kollu li sar, nistgħu ngħidu li skoprejna dawk il-ħames elementi tal-ħajja konsagrata li fil-bidu ta' din is-sena l-Papa Franġisku poġġa quddiemna. Dawn huma:

1. IFIRĦU: Il-Papa Franġisku fil-bidu tas-Sena tal-Ħajja Konsagrata għamel appell mill-qalb lill-persuni konsagrati kollha u qalilhom: *"Ifirħu, thennew, iddu bil-ferħ."* U l-ferħ tar-reliġjużi ġej proprju mis-sejħa nobbli li Alla għamlilhom.
2. QAJMU D-DINJA: Din kienet l-isfida li l-Papa Franġisku poġġa quddiem il-persuni konsagrati kollha fil-ftuħ tas-Sena ddedikata lilhom. Ir-reliġjużi għandhom ikunu nisa u rġiel kapaċi li jqajmu d-dinja.
3. KUNU KURAĠĠUŻI: Il-Papa ma jiqafx jagħmlilna l-qalb sabiex qatt ma nitilfu dak il-kuraġġ meħtieġ sabiex bi qlubija u qawwa ġejjin mill-Ispirtu s-Santu nkomplu ngħixu b'entużjażmu l-ħajja tagħna bħala reliġjużi u konsagrati. Il-problemi eżistenti m'għandhomx ikunu xkiel li jipparalizzana imma pjuttost opportunitajiet sabiex nikbru u nibqgħu miexja 'l quddiem.
4. KUNU RĠIEL U NISA TA' KOMUNJONI: Jgħidilna wkoll il-Papa Franġisku, lilna konsagrati minn Alla għalih: jinħtieġ li nkunu esperti ta' komunjoni, ta' għaqda, ta' solidarjetà u ta' mħabba f'dinja maħkuma minn gwerer, mibegħda, firdiet li huma ħerġin mill-egoiżmu u minn nuqqas tal-preżenza ta' Alla fis-soċjetà tagħna.
5. OĦORĠU: L-aħħar appell li jagħmel il-Papa Franġisku, u li dwaru bħala reliġjużi Maltin u Għawdxin irriflettejna, kien dak li noħorġu u ma nibqgħux magħluqin fina nfusna. Il-Papa jisħaq magħna u kontinwament jgħidilna: *"Oħorġu minnkom infuskom biex tmorru fil-periferiji eżistenzjali."* Hemm bżonn li l-preżenza reliġjuża f'pajjiżna tkompli tiskopri liema huma dawk il-periferiji li jeżistu fis-soċjetà tagħna, bil-għan li aħna nkunu hemm preżenti qabel kulħadd.

## Kungress tal-ħajja konsagrata

Proprju nhar il-Ġimgħa 29 ta' Jannar u nhar it-Tnejn u t-Tlieta, 1 u 2 ta' Frar 2016, fis-sala tal-Iskola ta' Santa Monika f'Birkirkara, bħala għeluq tas-Sena tal-Ħajja Konsagrata, ser jiġi organizzat Kungress Nazzjonali fuq dan is-suġġett. Għandna fiduċja li dan l-avveniment ser ikun opportunità oħra sabiex bħala reliġjużi ma niqfux nilħqu l-għanijiet li għalihom il-Papa Franġisku nieda din is-Sena, bil-ħsieb li joħroġ l-aktar ġid possibbli mhux biss għall-istess reliġjużi imma wkoll għal pajjiżna u għall-Knisja f'pajjiżna, f'din is-Sena ta' Grazzja. Ix-xewqat tagħna huma li nawguraw li dan ix-xogħol kollu li sar, dawn l-attivitajiet li twettqu u d-diskorsi sbieħ li twasslu, ma jibqgħux fuq l-ixkaffa għall-arkivju bħala avveniment li sar u għadda, imma nħeġġu li l-proċess li r-reliġjużi b'tant kuraġġ taw bidu għalih, ikompluh billi b'viżjoni għall-futur iwettquh fil-prattika.




# Tmiem is-Sena tal-Ħajja Konsagrata
## jfisser bidu ta' ħajja ġdida

Is-Sena dedikata lill-Ħajja Konsagrata, mixtieqa mill-Papa Franġisku għall-Knisja kollha, ġiet fi tmiemha. Intqal ġa ħafna. Min semma 'talb aħjar', 'karità aktar imħeġġa', 'impenn sħiħ'. Oħrajn qalu li neħtieġu fidi aktar qawwija, li tidher. Min tenna li rridu mmorru aktar fil-periferiji minsija tal-lum. Oħrajn ma naqsux isemmu l-ħtieġa ta' tiġdid serju fil-mod kif ngħixu l-voti tagħna, jew ninvestu aktar fi fraternitajiet u komunitajiet tassew ta' 'Aħwa'.

Biex ma jiġrilniex li tkun sena li ġiet u marret, kemm bħala individwi kif ukoll bħala komunità u provinċji u aktar, neħtieġu fuq kollox fidi kbira. Hija l-fidi ħajja, mgħajxa, li tqajjem id-dinja. "Qajmu d-dinja," qalilna l-Papa fid-diskors magħruf tiegħu.

Imma trid tkun fidi tassew, imsieħba bil-fatti. Mill-għeruq. Li tgħinna nirbħu r-rutina mgħaġġla tal-ħajja li qed tkaxkarna magħha. Fidi li tgħinna nirbħu t-tendenza li nieħdu kollox 'bħala ħaġa aċċettata' u nibqgħu mixjin kif aħna. Inwarrbu l-kliem sabiħ li xi drabi għax drajnieh m'għadux ifisser dak li suppost. Dan l-aktar fejn jidħlu l-voti tagħna, il-ħajja bejnietna, ir-relazzjoni tagħna aktar intima m'Alla permezz ta' Ġesù.

Jeħtiġilna niftakru f'dik l-ewwel iva li għedna lil Alla, dik il-ħarsa 'fissa' ta' Ġesù lejna li qanqlitna nħallu kollox biex inkunu tiegħu f'kollox, tiegħu biss, u tiegħu dejjem. Il-Papa Franġisku ma jehdiex ifakkarna f'dan f'diversi diskorsi li għamlilna. Hija din il-kuxjenza f'din il-ħarsa li ġġib il-vera konverżjoni, tnissel il-ferħ u l-kuraġġ mill-ġdid.

Ma nibqgħux inħallu aktar għal għada. 'Issa' huwa f'idejna. Kull wieħed u waħda għandna kontribut kbir x'nagħtu f'din is-siegħa importanti. Huwa sehem uniku li jien u inti biss nistgħu nagħtu.

Nitolbu flimkien għal xulxin li nkomplu bil-ferħ mixjitna sħiħa wara Ġesù, u Hu mbagħad jaħseb aktar minna f'aktar sejħiet u ħidmiet isbaħ għall-Knisja u għall-poplu tiegħu.



BIBBJA
P. Donat Spiteri OFMCap

# IL-QADDEJ li ma riedx jaħfer

**Mt. 18, 23-35**

Għalhekk is-Saltna tas-Smewwiet nistgħu nxebbhuha ma' wieħed sultan li ried jagħmel il-kontijiet mal-qaddejja tiegħu. Kif beda jagħmel dan ħadulu quddiemu wieħed li kellu jagħtih għaxart elef talent. Ma kellux minn fejn iroddhomlu, u s-sinjur ordna li jinbiegħu hu, martu, uliedu u kulma kellu, ħalli b'hekk jitħallas id-dejn. Imma l-qaddej inxteħet quddiemu jitolbu u jgħidlu, 'Sinjur, stabar ftit bija; kollox inroddlok.' Is-sinjur ġietu ħasra minn dak il-qaddej, bagħtu u ħafirlu dejnu. Mela dak il-qaddej joħroġ u jiltaqa' ma' wieħed minn sħabu, li kellu jagħtih mitt dinar; qabdu minn għonqu u beda jagħfsu. 'Ħallas dejnek,' qallu. 'Stabar ftit bija u nħallsek.' Imma dak ma riedx jaf; mar u xeħtu l-ħabs sa ma jrodd kulma kellu jagħtih. Sħabu l-qaddejja raw il-ġrajja kollha u sewdu qalbhom ħafna; marru għand is-sinjur tagħhom u tarrfulu kulma kien ġara. Imbagħad is-sinjur bagħat għalih u qallu, 'Ja qaddej ħażin, meta jiena ħfirtlek dak id-dejn kollu wara li tlabtni bil-ħniena, ma kienx imissek int ukoll tħenn għal sieħbek, kif ħennejt jien għalik?' U saħan bl-aħrax is-sinjur għalih, u tah f'idejn min jaħqru sa ma jrodd kulma kellu jagħti. Hekk jagħmel lilkom Missieri li hu fis-Smewwiet jekk ma taħfrux lil xulxin minn qalbkom."

Iċ-ċirkustanza li fiha Ġesù qal din il-parabbola kienet meta Pietru staqsa lil Ġesù: "Xi kemm-il darba jrid jonqosni ħija biex naħfirlu? Sa seba' darbiet?" U Ġesù wieġbu: "Ma ngħidlekx sa seba' darbiet, imma sa sebgħa u sebgħin darba" (Mt. 18, 21-22). San Luqa wkoll tana din it-tagħlima ta' Ġesù (Lq. 17, 4). San Mattew ippreżentaha taħt il-forma ta' djalogu bejn Ġesù u Pietru, u b'espressjoni aktar qawwija. In-numru sebgħa kien in-numru tal-perfezzjoni, ta' ħaġa sħiħa, totali, mhi nieqsa minn xejn. In-numru sebgħa u sebgħin iżid ma' dak li hu diġà sħiħ, imur 'l hemm minn dak li hu perfett (ara Ġen. 4, 24 f'sens kuntrarju għall-kliem ta' Ġesù). Mhuwiex numru magħluq, anzi jfisser dak li hu bla tarf u bla tmiem.

Din iċ-ċirkustanza hi daħla tajba għall-parabbola tal-qaddej li ma riedx jaħfer lil sieħbu. Imma din il parabbola hi aktar drammatizzazzjoni, biex ngħidu hekk, tal-kliem ċar ta' Ġesù fuq il-maħfra f'Mt. 6, 13. 14-15, kif turi l-aħħar kelma ta' Ġesù fl-istess parabbola (vers 35).

Biex nifhmu aħjar nistgħu naqsmu l-parabbola fi tliet partijiet:

a. versi **23-27** – is-sultan u l-qaddej;
b. versi **28-30** – il-qaddej u sieħbu;
c. versi **31-34** – is-sultan u l-qaddej, mill-ġdid.

Il-kompożizzjoni tal-parabbola hi mibnija fuq il-ħajja tas-slaten ta' dak iż-żmien u, kif jidher minn xi elementi tagħha, tas-slaten pagani. Fil-Palestina ta' Ġesù ma kienx hemm slaten, għalkemm Erodi kien jissejjaħ 'sultan' (Mk 6, 14; Mt. 2, 1).

Il-qaddej tas-sultan ma kienx xi lsir tiegħu, iżda xi uffiċjal għoli dejjem għas-servizz tiegħu. Dan jidher mill-fatt tas-somma wisq għolja li kellu jagħtih. Kien xi wieħed mill-amministraturi tal-provinċji li kull sena kellhom jibagħtu lis-sultan dak li kienu jkunu daħħlu mit-taxxi fil-provinċji tagħhom.

Is-somma ta' għaxart elef talent, li l-qaddej kellu jagħti lis-sultan, hi esaġerata. It-talent kien użin Lhudi li kien isarraf 6,000 dinar Ruman, u d-dinar kien munita tal-fidda Rumana li kienet il-paga ta' ġurnata xogħol għall-ħaddiem (Mt. 20, 2). Mela d-dejn tal-qaddej lejn sidu kien ta' xi sittin miljun dinar![1] Imbagħad id-dejn tal-qaddej l-ieħor lejn sieħbu kien biss ta' mitt dinar.

Din hi n-nota l-aktar importanti fit-tagħlima tal-parabbola. Ladarba s-sultan hu l-figura ta' Alla, u l-qaddej hu l-figura tal-bniedem, id-differenza esaġerata bejn iż-żewġ somom tad-dejn turi b'qawwa akbar id-differenza enormi bejn id-dejn li aħna għandna ma' Alla u d-dejn li għandna jew jista' jkollna lejn xulxin. U d-dejn ifisser il-ħtija; aħna lkoll ħatjin quddiem Alla, wisq u wisq aktar milli aħna ħatjin għal xulxin. Imma Alla b'ġenerożità kbira jaħfrilna dnubietna kollha, huma kemm huma u huma x'inhuma. Mela hekk ukoll u aktar għandna aħna naħfru lil sħabna l-ħtijiet żgħar tagħhom lejna. Imbagħad, jekk ma naħfrux, lanqas Alla ma jaħfer lilna (Mt. 6, 15).

Il-ħniena ta' Alla lejna hi bla tarf. It-tarf u t-tmiem inqegħduhulha aħna stess jekk ma naħfrux lil min hu ħati għalina. Imbagħad flok il-ħniena u l-maħfra min-naħa ta' Alla tidħol il-ġustizzja tiegħu. Dan hu mfisser fil-parabbola bil-kastigi li s-sultan ta lill-qaddej li ma ħafirx lil sieħbu. B'din in-nota ta' referenza għall-ġudizzju u għall-kastig finali tal-ħżiena (ara Mt. 15, 25-26) il-parabbola tieħu l-karattru eskatoloġiku tagħha, waqt li turi b'qawwa akbar il-kulur eżortattiv tagħha. Twissina biex naħfru kif Alla jaħfer lilna u twiddibna bil-kastig, jekk ma naħfrux lil xulxin – u naħfru 'minn qalbna', bil-verità u s-sinċerità.

**Referenza**

[1] It-talent kien użin Lhudi li kien isarraf daqs tletin ratal Malti. Kull talent kien jiswa 6,000 dinar Ruman; u d-dinar kien il-paga ta' jum xogħol għall-ħaddiem (Mt 20, 2). Mela 10,000 talent kien ifisser 60 miljun dinar jew 164,383 sena xogħol! Fil-valur tad-dollaru Amerikan it-talent kien jiswa "over $1,000,000" (ara *New Jerome Biblical Commentary*, 1991, p. 662). Il-kelma Griega fit-test oriġinali hi *myrìa* (10,000), li fis-sens simboliku tfisser numru bla għadd (Lq. 12, 1; 1 Kor. 4, 15; 14, 19).



# L-esperjenza TIEGĦI fil-Ġi.fra



ĠI.FRA
Savio
Debono

L-esperjenza tiegħi fil-Ġi.Fra bdiet madwar seba' snin ilu. F'dan l-artiklu xtaqt niġbor fil-qosor l-attivitajiet li jsiru fi ħdan dan il-grupp. L-iskop prinċipali hu li fil-ħajja tagħna, permezz tal-esperjenzi li ngħaddu minnhom ilkoll, nippruvaw ngħixu fuq il-passi ta' San Franġisk.

Il-grupp jiġbor fih ammont sabiħ ta' żgħażagħ 'il fuq minn tmintax-il sena, minn madwar Malta, li niltaqgħu għal-laqgħat tagħna ġewwa l-kunvent tal-Kapuċċini, il-Kalkara. Magħna għandna wkoll l-għajnuna spiritwali ta' Patri Effie Mallia OFM. Il-laqgħat huma varjati u jikkonsistu f'*community building*, suġġetti reliġjużi, *ice breakers* u laqgħat oħrajn b'suġġetti partikolari bħall-ambjent u esperjenzi li niltaqgħu magħhom fil-ħajja ta' kuljum. Ġieli jiġu kelliema minn għaqdiet oħra li jkellmuna fuq ix-xogħol tagħhom fil-komunità. Il-grupp ikun involut ukoll f'xogħol ta' volontarjat. Hemm ukoll id-drawwa li xi laqgħat li jkollna jiġu ppreparati minn membri tal-grupp stess, biex aħna nsiru nafu iktar lil xulxin u tingħata inizjattiva lill-membri. Matul is-sena jiġu organizzati wkoll żewġ *live-ins*, fil-perjodi tal-Avvent u r-Randan. Isiru wkoll attivitajiet soċjali bħal *cook-outs*, mixjiet u baħar fis-sajf.

Matul dawn is-snin li ilni nagħmel parti mill-grupp tgħallimt ħafna, u ċerti esperjenzi tal-ħajja nħares lejhom b'mod differenti milli kont narahom qabel. Nagħlaq dan l-artiklu billi nħeġġeġ iktar żgħażagħ jingħaqdu magħna u żgur li se jsibu ambjent li jilqagħhom.





SPIRITWALITÀ FRANĠISKANA
Fr Ivan Scicluna OFMCap

# TALB FRANĠISKAN LI jdaħħalna fir-Randan

It-talba ta' San Franġisk t'Assisi magħrufa bħala t-*Tifħir lil Alla l-Għoli* toffrilna minjiera ta' riflessjonijiet f'waqthom li jistgħu jgħinuna ngħixu ż-żmien tar-Randan fl-ispirtu propju tiegħu. Kif diġà rajna f'artikli oħra, din it-talba, li hija talba awtentika tal-qaddis miktuba b'idejh stess fuq il-Muntanja La Verna, wara li rċieva l-Pjagi Mqaddsa f'Settembru tal-1224, tista' tinqasam fi tliet partijiet. Fl-artiklu li ġej se niflu dettalji interessanti li jinsabu fit-tieni parti ta' din il-litanija Franġiskana, li jistgħu jħajruna biex nieħdu iktar bis-serjetà s-sejħa għall-konverżjoni li l-Knisja tagħmlilna fiż-żmien tar-Randan Imqaddes. Infakkar li l-kliem tat-tieni parti tat-talba huwa dan li ġej:

II. Int imħabba. Int karità. Int għerf. Int **umiltà**. Int **sabar**. Int **is-sbuħija**. Int ta' qalb ħelwa. Int sigurtà. Int ħemda. Int ferħ. Int it-tama u l-hena tagħna. Int ġustizzja. Int qies. Int il-għana kotran kollu tagħna.



Ta' min jieqaf ftit fuq ċerti **koppji ta' virtujiet** li nsibu f'din il-parti tat-talba, bħal pereżempju l-koppja **umiltà** u **sabar**, li bihom Franġisku jindirizza lil Alla. L-iktar virtù fi Kristu li lil San Franġisk affaxxinatu kienet l-umiltà jew il-minorità. Quddiem ix-xbieha ta' Kristu, li jitbaxxa u jgħaddi jaħsel riġlejn l-appostli fl-Aħħar Ċena (Ġw. 13, 1-20), San Franġisk kien bħal donnu jħoss li għandu jinżel għarkupptejh, iżomm in-nifs u jbaxxi rasu f'atteġġjament ta' stagħġib u qima profonda. Kultant it-telfa tiegħu quddiem il-kobor tal-umiltà ta' Alla, speċjalment fis-sagrament tal-Ewkaristija, kienet iġġiegħlu jinfexx fi kliem ta' stagħġib li jsir donnu poeżija u jieħu l-forma ta' kantiku lill-umiltà: "O, x'għoli tal-għaġeb u x'għaġeb ta' tbaxxija! O, x'umiltà kbira; o, x'kobor umli! Li s-Sid tal-ħolqien kollu, Alla u l-Iben ta' Alla, iċekken daqshekk lilu nnifsu biex għas-salvazzjoni tagħna jinħeba taħt ix-xbieha ta' farka ħobż! Ħarsu, ħuti, lejn l-umiltà ta' Alla u iftħu qalbkom quddiemu."[1]

Franġisku kien jaf li biex wieħed jikber fl-umiltà jrid jgħaddi mit-triq tal-umiljazzjoni. Kien jaf ukoll x'doża qawwija ta' sabar jew paċenzja hi meħtieġa biex wieħed jaċċetta umiljazzjoni mingħajr ma jirreaġixxi mill-ewwel, biex wieħed iżomm il-kalma meta jirċievi kritika inġusta, biex wieħed ma jitlifhiex meta jiġi ttimbrat bla ħtija. Huwa għalhekk li l-virtujiet **umiltà** u **sabar** spiss insibuhom flimkien fil-kitbiet tal-qaddis Umbrijan, inkluż f'din it-talba. Dawn it-tnejn qishom ħabel u satal, jew inkella koppja li ma jafux b'divorzju! Hekk, pereżempju, fi Twissija 13 narawh

isemmi għal darba, darbtejn din il-koppja ta' virtujiet: "Ma jistax ikun jaf x'**sabar u** x'**umiltà** għandu l-qaddej ta' Alla sakemm kollox imurlu ħarir. Imma meta jasal dak il-waqt li fih dawk li suppost jikkuntentawh joħolqulu l-inkwiet, għandu tant **sabar u umiltà** daqskemm juri f'dak il-ħin u mhux iktar minn daqshekk."[2] Kieku jirnexxilna ngħixu din it-Twissija fiż-żmien tar-Randan inkunu ksibna ġid kbir għall-konverżjoni tagħna!

Eżatt wara l-koppja **umiltà** u **sabar**, Franġisku jindirizza lil Alla bl-invokazzjoni "**Int is-sbuħija**". Interessanti li ma jindirizzahx bħala 'sbuħija' imma bħala '**is-sbuħija**', bl-artiklu definittiv, għax kien għaraf tajjeb kemm is-sbuħija tal-esperjenza li kellu ta' Alla tisboq bil-kotra kull esperjenza sabiħa oħra fil-ħajja. Infatti, waqt li l-esperjenza ta' unjoni ma' Alla ħalliet f'ġismu San Franġisk il-marki tal-Pjagi Mqaddsa, f'ruħu ħalliet esperjenza tal-ġmiel ta' Alla. Donnu s-sbuħija li kellu quddiem għajnejh fix-xbieha tal-Kurċifiss ta' San Damjan (id-dawl u l-glorja ħerġin mill-figura maestuża ta' Kristu, il-kuluri eċċ.) issa kien qed iduqhom f'ruħu, fejn kienet qiegħda sseħħ l-unjoni mistika mal-Maħbub tiegħu. L-esklamazzjoni 'Inti sbuħija' ssib il-milja tagħha fil-*Kantiku tal-Ħlejjaq*, fejn il-Fqajjar t'Assisi bħal donnu jlaħħam din l-invokazzjoni fi tlettax-il strofa li fihom jgħanni u jfaħħar is-sbuħija ta' Alla fil-ħlejjaq kollha, f'dawk li jaħfru u jġarrbu l-mard mingħajr tgergir u f'oħtna l-mewt tal-ġisem. Il-*Kantiku tal-Ħlejjaq* isir qisu 'eseġeżi' tal-invokazzjoni 'Inti s-Sbuħija', li nsibu fit-*Tifħir lil Alla l-Għoli*.

Jidher li hemm kontinwità jew rabta bejn virtù u oħra fit-*Tifħir*. Il-fatt li Franġisku jdaħħal l-invokazzjoni 'Inti s-sbuħija' eżatt wara l-koppja 'umiltà u sabar' ma jidhirx li hija b'kumbinazzjoni. Għax fil-verità, min hu umli u jaf jistabar, jisbieħ! Jisbieħ fil-mod kif jitkellem, kif jaġixxi, kif iġib ruħu mal-oħrajn, eċċ. L-umli jiġbdek bi sbuħitu, mhux tant sbuħija fid-dehra daqskemm sbuħija li tkun ħierġa minn ġewwa, mill-intern, u li mbagħad tixref fil-ħarsa tal-għajnejn, fit-tbissima u fil-ġesti ta' dak li jkun. Għall-kuntrarju, persuna supperva jew imkabbra u li għal kull ħaġa ta' xejn titlef il-paċenzja, ma tiġbdekx, anzi timbuttak u tibagħtek 'l hemm b'togħma qarsa. Nixtieq hawnhekk insemmi lis-Sorijiet Klarissi ta' San Ġiljan. Donnu kull min iżurhom iħoss li dawn is-sorijiet jittrażmettu ċerta sbuħija fil-wiċċ, fil-kliem u fl-atteġġjament tagħhom. Il-kuntatt intimu u frekwenti tagħhom mad-Divin jittrasformahom. Is-sbuħija ta' Alla ssir kontaġġuża u bħal donnu jittieħdu minnha u jittrażmettuha b'ċerta naturalezza u sempliċità, forsi bla ma jkunu jafu.

Dan ifakkarni fl-esperjenza li għadda minnha François de Bondy meta ta' 21 sena ltaqa' mal-kuġin tiegħu Charles de Foucauld, li kien jgħix fid-deżert tas-Saħara u li kien ġie lura Pariġi għal żjara qasira. François jirrakkonta kif id-dehra u l-laqgħa ma' Charles biddlitlu ħajtu: "*Charles entered the room and peace entered with him. The glow of his eyes and especially that very humble smile had taken over his whole person... There was an incredible joy emanating from him... my whole sum of satisfactions did not weigh more than a tiny fraction in comparison with the complete happiness of the ascetic...*"[3]



**Jalla dan ir-Randan ikun għalina lkoll żmien tajjeb biex nikbru fis-sabar u fl-umiltà,** biex hekk inkunu nistgħu nittrażmettu mqar farka mis-sbuħija tar-Ragħaj it-'Tajjeb', liema kelma bil-Grieg (Kalos – καλός) tista' tfisser kemm 'tajjeb' kif ukoll 'sabiħ'.

**Referenzi**

[1] Franġisku t'Assisi, *Ittra lill-Ordni kollu*, 27.

[2] Franġisku t'Assisi, *Twissijiet*, XIII, 1-2.

[3] Timothy Radcliffe, *What is the Point of Being a Christian*, Burns & Oates, London – New York 2005, 49.



REĊENSJONI
Fr Charles Buttigieg

# Is-Saċerdot

## LI BATA FIS-SKIET

**Dun Ġużepp Cauchi, *Ġesù f'Ħajjitna*, u tagħrif ieħor dwar Dun Ġużepp Cauchi f'għeluq is-60 sena minn mewtu.** *Miġbur u mħejji għall-istampa minn Angelo Xuereb. Ippubblikat mill-Kummissjoni Tifkira Dun Ġużepp Cauchi, Għawdex, 2015. Stampat fil-Gozo Press, pp. 92*

Dan huwa ktieb li għandu jkun f'idejna f'dawn il-ġranet, stampat f'għeluq is-sittin sena mill-mewt ta' Dun Ġużepp Cauchi minn San Lawrenz, saċerdot umli u twajjeb li fl-istess ħin bħala vittma innoċenti mexa fis-saċerdozju tiegħu t-triq tas-salib. Għalhekk il-ktieb huwa stedina għalina lkoll, b'mod partikulari f'dan iż żmien qawwi tar-Randan u tal-Għid, sabiex nagħrfu iktar mill-qrib lil Kristu, nikkonvertu u nimxu warajh anke bħala dixxipli fit-triq tat-tbatija.

Wara l-preżentazzjoni sabiħa mill-kappillan ta' San Lawrenz Dun Charles Sultana u d-Daħla minn Anġlu Xuereb, għandna erba' kapitli ferm profondi meħuda mill-kitbiet ta' Dun Ġużepp innifsu, li jiffokaw fuq l-imħabba u l-karità lejn il-proxxmu, il-paċi, it-tbatija, il-qdusija, l-intenzjoni retta, il-perseveranza u l-ġenna. Għandna wkoll talba li tingħad fil-bidu tal-adorazzjoni u żewġ appendiċijiet ferm interessanti li jġagħluk taqrahom iktar minn darba, dwar diversi testimonjanzi, fosthom tal-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, tal-Vigarju Ġenerali Mons. Giovanni B. Gauci, tal-mibki l-Isqof Mons. Nikol Ġużeppi Cauchi u tal-Arċisqof ta' Malta Mons. Charles J. Scicluna, flimkien ma' tagħrif ieħor li jkompli jfawwar il-bijografija ta' dan is-saċerdot twajjeb ta' San Lawrenz, kif ukoll ma tonqosx il-biblijografija ta' kotba li ġew stampati s'issa. Għandna fl aħħar l għeluq u talba ferm profonda lil Dun Ġużepp Cauchi, miktuba minn Mons. Salv Borg.



Qegħdin nerġgħu ngħixu l-era ta' ħafna martri Nsara. Dun Ġużepp għex dan it-tip ta' martirju iktar minn sittin sena ilu. Huwa għex tip ta' martirju ieħor, mhux wieħed 'aħmar' tad-demm imma dak 'abjad' li joqtlok kuljum, fis-skiet tal-qalb u fl-umiljazzjoni. Il-Vanġelu tas-sofferenza ta' Kristu jsir il-passjoni tat-tbatija għal dan is-saċerdot, *Passio Christi, passio hominis*. Kristu kien kollox, u għalhekk it-tama tiegħu: "Henjin intom meta jgħajrukom u jippersegwitawkom u jaqilgħu kull xorta ta' ħażen u gideb kontra tagħkom minħabba fija. Ifirħu u thennew, għax ħlaskom kbir fis-smewwiet." (Mt. 5, 11-12). Din il-frażi ta' Kristu kienet il-qawwa tiegħu.

Nifraħ lill-ħabib tiegħi Angelo Xuereb, li għal darba oħra ġabar u ħejja b'mod eċċellenti l-materjal ta' dan il-ktieb. Prosit ukoll lill-Kummissjoni Tifkira Dun Ġużepp Cauchi, li sa minn meta twaqqfet fl-1985 permezz tas-Segretarju ħabrieki tagħha s-Sur George Borg qiegħda tagħtina rigal ieħor mid-damma tal-kitbiet spiritwali u profondi ta' dan is-saċerdot qaddis Dun Ġużepp Cauchi.

Il-ktieb huwa żgur utli għal dawk kollha li jixtiequ jagħmlu mixja mal-Kelma ta' Alla ta' kuljum, u l-meditazzjonijiet li fih huma utli għall-gruppi ta' talb u laqgħat ta' kategoriji diversi fil-parroċċi. Fuq kollox jista' jintuża għall-jiem ta' eżerċizzi u għall-predikazzjoni biblika. Utli żgur għal min jixtieq jistrieħ ftit mir-ritmu sfrenat tal-ħajja u jingabar għal ftit jiem waħdu mal-Mulej fi rtir personali.

Tkun ħaġa ferm sabiħa illi f'dan l-anniversarju mill-mewt ta' Dun Ġużepp Cauchi nżuru d-dar fejn twieled, għex u miet, li tinsab ġewwa r-raħal pittoresk ta' San Lawrenz. Il ktieb huwa ddedikat lis-saċerdoti u lil dawk kollha fostna li għaddejjin minn xi diffikultajiet fil-ħajja.

Nagħlaq din ir-riċensjoni bis-silta mit-talba lil Dun Ġużepp Cauchi:

**"... agħmel li anki aħna nagħrfu naċċettaw is-slaleb u t-tfixkil li jfeġġu quddiemna, u b'sabar kbir nittamaw fil-glorja ta' dejjem."**



IL-KAPUĊĊINI F'MALTA
Andrea Gatt

# Kif jista' l-patri KAPUĊĊIN jagħmel differenza fis-soċjetà Maltija TAL-LUM U T'GĦADA?

*Is-Sur Andrea Gatt, li joqgħod fir-residenza 16, Nid d'Amour, Triq il-Markiża, il-Gudja, huwa r-rebbieħ tal-kompetizzjoni li kienet saret fil-ħarġa speċjali tad-Dawl Franġiskan ta' Ottubru 2015. F'din l-*Essay Competition *kienet saret il-mistoqsija 'Kif jista' l-patri Kapuċċin jagħmel differenza fis-soċjetà Maltija tal-lum u t'għada?' Illum qegħdin nippubblikaw l-*essay *rebbieħ.*

Naħseb li din hija mistoqsija li kull wieħed u waħda minna għandu jagħmel.

Fis-soċjetà materjalista tal-lum kulħadd moħħu biex jaħdem u jakkwista, kulħadd medhi jippjana għall-futur bla ma jinduna li qed jinsa jgħix il-preżent. Meta wieħed jara lil ta' madwaru jgħixu dan l-istil ta' ħajja, bla ma jrid jispiċċa jagħmel l-istess hu wkoll. F'dan il-ġenn kollu, meta se nsibu ftit ħin għal Alla u għal xulxin?

Jiena naħseb li l-patri Kapuċċin diġà qiegħed jagħmel differenza kbira fis-soċjetà Maltija bl-istil ta' ħajja li jgħix. Kif jgħidu, x'hawn aħjar mill-eżempju? Il-ħajja ta' patri Kapuċċin tmur kompletament kontra l-istil tal-ħajja moderna. Il-Kapuċċin minflok medhi biex jakkwista aktar ġid, jitlaq lill-għeżież tiegħu u jħalli kull ħaġa li għandu warajh, imbagħad jimxi wara Kristu. Xi jfisser dan? Dan ifisser li bħalma għex litteralment il-Kelma ta' Alla San Franġisk, l-istess qiegħed jagħmel il-Kapuċċin illum il-ġurnata. Iżda l-Kapuċċin ma jiqafx hawn; tul ħajtu kollha huwa jgħix bla ma jkollu xejn li huwa tiegħu. Tista' timmaġinak tgħix mingħajr ma jkollok xejn tiegħek? Żgur li għall-maġġoranza tan-nies ir-risposta hija le. Iżda l-Kapuċċin bl-għajnuna ta' Alla jmur kontra l-kurrent u jagħmel dan bil-ferħ.

Ġieli rajt xi filmat ta' xi tifel li minkejja li ma għandu xejn, xorta waħda jkun bi tbissima kbira fuq fommu? Min-naħa l-oħra ġieli smajt b'xi ċelebrità li minkejja li tkun miljunarja taqa' fil-vizzji tad-droga u x-xorb għax ma tkunx kuntenta b'ħajjitha? Bl-istess mod il-patri Kapuċċin huwa eżempju ċar għas-soċjetà tagħna, għax minkejja li jgħix ħajja sempliċi xorta waħda huwa kuntent. Ħajtu hija eżempju ċar li l-flus ma jagħmlukx kuntent.

Il-maġġoranza tas-soċjetà moderna hija individwalista u ma tantx jimpurtaha mill-bżonnijiet ta' ħaddieħor. Forsi wieħed jikkuntenta ruħu li jagħti xi donazzjoni ċkejkna fi żmien il-festi, iżda anqas biss tgħaddilu minn moħħu li jagħti ftit minn ħinu lil min hu fil-bżonn. Għal darba oħra hawnhekk il-Kapuċċin itina tagħlima oħra. Lilhom issibhom fl-isptarijiet jgħinu lill-morda u lill-anzjani. Issibhom il-ħabs jgħinu lil min ħadd ma jrid ikollu x'jaqsam miegħu. Issibhom fiċ-ċentri jgħinu lil min hu bla dar u min hu marid b'xi tip ta' marda mentali. X'jieħdu lura minn dan kollu? Żgur li mhux flus biex jonfquhom fix-xalar, għax huma jgħixu bil-vot tal-faqar. Iżda ferħ. Iva, il-ferħ li wieħed jirċievi meta jgħin lil min hu fil-bżonn mill-qalb.

Mela ejjew nitolbu għal ħutna l-Kapuċċini biex ikunu ta' eżempju għalina lkoll u jkomplu jagħmlu differenza fis-soċjetà Maltija permezz tal-karizma tagħhom, u għaliex le, ejjew nispiraw ruħna mill-istil ta' ħajja tagħhom u noffru ftit ħin biex ngħinu lil min hu fil-bżonn.



IL-ĠUBLEW STRAORDINARJU TAL-ĦNIENA TA' ALLA
Fr Mario Attard OFMCap
IT-TIELET PARTI



# Il-messaġġ tal-ħniena divina **fil-messaġġ ta' San Franġisk t'Assisi**

**Fil-mixja tagħna f'din l-oażi Franġiskana tal-ħniena ta' Alla llum beħsiebna nagħlqu l-kapitlu tagħna dwar il-messaġġ tal-Ħniena Divina fil-messaġġ ta' San Franġisk t'Assisi billi nsemmu żewġ eżempji oħra mill-*Fjuretti*.**

L-ewwel wieħed huwa meħud mill-kapitlu 26 u juri kif San Franġisk ikkonverta tliet ħallelin billi ppritkalhom il-ħniena ta' Alla.

"F'dak iż-żmien kien hemm fl-inħawi tliet ħallelin magħrufin, u kienu jagħmlu ħafna ħsara... 'Ejjew immorru għand San Franġisk,' qalilhom [wieħed mill-ħallelin], 'u kemm-il darba hu jnissel fina t-tama li aħna wkoll nistgħu naqilgħu l-ħniena mingħand Alla u l-maħfra ta' dnubietna, nagħmlu dak li hu jikkmandana, u hekk inkunu nistgħu neħilsu rwieħna mill-pwieni tal-infern.' Dan il-parir għoġobhom lill-oħrajn, u ftiehmu t-tlieta bejniethom u ġew jgħaġġlu ghand San Franġisk u qalulu, 'Missier, aħna għamilna ħafna dnubiet ħoxnin u ma nħossux li jistħoqqilna naqilgħu l-maħfra mingħand Alla. Imma jekk int għandek xi tama li lilna wkoll Alla lest jagħtina l-maħfra tiegħu, ara, lesti li nagħmlu dak kollu li tgħidilna int, u flimkien miegħek nagħmlu l-penitenza.'




"San Franġisk, meta sema' dan, laqagħhom bi mħabba kbira, u wera ħafna ħlewwa magħhom. Beda jġibilhom ħafna eżempji biex ifarragħom u jaċċertahom mill-maħfra, u wriehom kif il-ħniena ta' Alla hi tassew bla tarf. 'Ukoll kieku dnubietna jkunu f'għadd bla tarf, il-ħniena ta' Alla hija dejjem akbar minnhom kollha f'daqqa, kif jgħid l-evanġelju. U l-appostlu San Pawl qal ukoll, '*Kristu l-imbierek ġie f'din id-dinja biex jifdi l-midinbin*' (1 Tim. 1, 15).

"Meta semgħu dan il-kliem u tagħlim ieħor bħal dan, it-tliet ħallelin qatgħuha li jiċħdu lid-demonju u l-għemejjel kollha tiegħu. U San Franġisk laqagħhom fl-Ordni, u huma bdew jagħmlu penitenza kbira."

L-aħħar eżempju minn ħajjet San Franġisk dwar ir-rabta tiegħu mal-Ħniena Divina jinstab fil-kapitlu 45 tal-*Fjuretti*. Dan ir-rakkont ħelu jlaqqagħna ma' ċertu Fra Matteo, li farraġ ruħ li kienet ossessjonata mill-biża' li tintilef fl-infern.

"Malli Fra Giovanni għażel li jgħaddi sebat ijiem ta' tbatija f'din id-dinja, minnufih marad b'ħafna mardiet differenti... Imma l-agħar kien li kellu demonju l-ħin kollu quddiemu, u f'idejh karta

kbira li fuqha kien hemm miktubin id-dnubiet kollha li kien għamel bil-għemil jew bil-ħsieb, u qallu, 'Għal dawn id-dnubiet li int għamilt bil-ħsieb u bl-ilsien u bl-għemil, int se tkun ikkundannat fil-qiegħ nett tal-infern.' U hu ma seta' jiftakar f'xejn tajjeb li qatt għamel, jew li kien fl-Ordni jew li xi darba kien fih, imma ħaseb li hu tabilħaqq kien indannat kif kien qallu x-xitan. Għalhekk meta staqsewh kif kien, wieġeb, 'Ħażin, għax jien indannat!'

"Meta l-Aħwa raw dan, bagħtu għal ċertu patri anzjan li kien jismu Fra Matteo da Monte Robbiano, raġel qaddis u ħabib tal-qalb ta' dan Fra Giovanni. U xħin wasal l-imsemmi Fra Matteo, fis-seba' jum tat-tiġrib li kien għaddej minnu Fra Giovanni, sellimlu u staqsieh kif kien qed iħossu. U dak wieġbu li kien ħażin, għax kien indannat. Għaldaqstant Fra Matteo qallu, 'Int ma tiftakarx li qerrejt għandi kemm-il darba, u li jien ħfirtlek b'mod assolut dnubietek kollha? Ma tiftakarx li int dejjem qdejt 'l Alla f'dan l-Ordni mqaddes għal ħafna snin? Barra dan, ma tiftakarx int li l-ħniena ta' Alla tegħleb bil-bosta d-dnubiet tad-dinja, u li Kristu l-imbierek, is-Salvatur tagħna, biex jerġa' jixtrina ħallas għalina prezz infinit? Ħa jkollok għalhekk tama qawwija li int żgur salvat.' U b'dan il-kliem, billi ż-żmien tal-purifikazzjoni tiegħu kien intemm, it-tentazzjoni għebet u flokha daħal il-faraġ.

"U b'ferħ kbir Fra Giovanni qal lil Fra Matteo, 'Billi int tħabatt ħafna, u issa sar ħafna ħin, nitolbok li tmur tistrieħ.' U Fra Giovanni baqa' waħdu mal-fra li kien jaqdih. U ara, jiġi Kristu l-imbierek imdawwar b'dawl tassew kbir u bi fwieħa li tgħaxxqek ħafna, skont il-wegħda li kien għamillu, li jidhirlu darba oħra, propju meta jkollu l-aktar bżonn, u fejqu kompletament mill-mard kollu. Imbagħad Fra Giovanni, b'idejh marbuta, radd ħajr lil Alla, li wassal għat-tmiem mill-aħjar il-vjaġġ twil tiegħu ta' din il-ħajja miżera ta' hawn, u ntelaq f'idejn Kristu u radd ruħu lil Alla. Hekk hu għadda minn din il-ħajja li tispiċċa bil-mewt għall-ħajja eterna ma' Kristu l-imbierek, li hu tant xtaq b'ħerqa għal tant zmien twil u stenna li jasal il-waqt li jarah."

Kos, hux! San Franġisk jgħallimna li l-ħniena ta' Alla qiegħda mhux biss għal min hu mgħaddas f'ħajja tad-dnub imma hija wkoll il-mediċina tal-iskrupluż!

# ... U L-KARNIVAL reġa' magħna!



FESTI U FOLKLOR
Il-Kav. Joe M. Attard



Jgħaddi ż-żmien, jitgerbu l-ġmiegħi;
filli konna fil Milied,
Frar l-imqarqaċ jinsab magħna
U ġabilna l-karrijiet

illi fuqhom qegħdin jiżfnu
ġuvintur, qabda tfajliet,
illi ġew fl-*enclosure* tagħna
mill-irħula u l-ibliet,

sabiex jaqbżu u jiddevertu
f'dawn il-jiem tal-Karnival.
Magħhom hemm xjuħ, irġiel, nisa –
għax darbtejn insiru tfal!

U fi ħdanu l-misraħ jilqa'
għadd ta' żgħażagħ u xebbiet,
jiżżegilgu u jiżżarġnu
waqt li l-banda wkoll ġiet.



'K tiġri ġirja mal-irħula
briju tilmaħ kullimkien;
għal mument id-dwejjaq jgħosfru,
il-bluha tirkeb dan iż-żmien.

Xi wħud jiżfnu l-kumittiva
jew inkella fl-isfilata;
oħrajn jidħlu għall-kukkanja,
ma tonqosx il-prinjulata.

Dawn il-festi popolari
ftit jew wisq jogħġbu 'l kulħadd.
F'dawn il-jiem titbellah, twerżaq;
ibqa' ċert ma jkellmek ħadd!



Iżda l-għada li jintemmu
jiġu ġranet b'differenza:
erbgħin jum ta' sagrifiċċju,
talb u sawm u penitenza!

Ħbieb, immela, ħaffu, għaġġlu,
ilbsu, xiddu l-kostum,
għax dal-festi dalwaqt jgħibu,
ma jiġux magħna kuljum!



KULTURA U RELIĠJON

Joseph C. Camilleri

# SAN VALENTINU, il-patrun tal-maħbubin

Sa ftit tas-snin ilu l-festa ta' San Valentinu, f'Malta, kienet marbuta ma' Ħal Balzan. Hawn wieħed isib il-korpsant ta' martri fil-knisja parrokkjali ta' Marija Annunzjata li ġie mogħti l-isem ta' Valentinu. Maż-żmien din id-devozzjoni żviluppat f'festa sekondarja. Hawn twieldu wkoll l-ismijiet ta' Valent u Valentinu. L-isem Valentina ftit li xejn qabad l-art. F'dawk iż-żminijiet Malta kienet kolonja Ingliża u din il-festa kienet iċċelebrata bil-kbir mis-suldati u baħrin li kienu stazzjonati f'Malta. Ċerti ħwienet, l-aktar tal-Belt Valletta u l-Kottonera, bdew ibigħu kartolini ta' din il-festa. Is-servizzi militari Ingliżi kienu jorganizzaw *parties* u żfin għal din l-okkażjoni. Strada Stretta kienet tkun mimlija attività aktar mis-soltu, u hawn daħlet din id-drawwa fost il-Maltin. Wieħed jista' jgħid li din it-triq fil-Belt Valletta kienet mimlija daqs bajda bi ħwienet tax-xorb li kienu jkunu mimlija baħrin u suldati Ingliżi.

Fis-snin sittin u sebgħin ċerti għaqdiet taż-żgħażagħ bdew jorganizzaw *discos* għaż-żgħażagħ Maltin.



L-aktar li kienu jissemmew kienu l-4Ts (Teens and Twenties Talent Trust) u l-YTC (Youth Travel Circle). Għal jum San Valentinu, jekk f'dik is-sena kien jiġi matul tmiem il-ġimgħa, jew Ħadd qabel jekk kien jiġi matul il-ġimgħa, kienu jsiru *discos* speċjali għall-maħbubin. Is-swali taż-żfin kienu jkunu mżejna bil-qlub ħomor u simboli oħra tal-imħabba. Il-biljetti kienu jittieħdu malajr għaliex il-*media* internazzjonali, l-aktar iċ-ċinema, kienet qed turi l-effetti tagħha fuq is-soċjetà Maltija. Il-kartolini kienu daħlu sewwa fost iż-żgħażagħ Maltin ukoll. Il-ħwienet li kienu jbigħu dawn il-kartolini kienu daħħlu l-użanza li jżejnu bil-qlub u simboli oħra tal-imħabba l-vetrini tagħhom. Il-kulur aħmar kien jidher kull fejn tħares. Xi wħud kienu bdew jgħidulu 'karnival' dan it-tiżjin u l-entużjażmu fost iż-żgħażagħ Maltin lejn din il-festa. Il-Knisja kienet b'seba' għajnejn fuq dawn id-*discos*, u niftakar lil Francis Zammit Dimech (li għamel żmien Ministru tat-Turiżmu) jirċievi l-aħbar mill-Kurja li ċertu żfin irid isir minn koppja fuq erba' madumiet u mhux fuq tnejn.

Fis-snin sebgħin il-festa ħadet xejra ferm ikbar. Il-ħwienet tal-ħwejjeġ sabu li kien hemm suq għall-affarijiet tagħhom aktar mis-soltu. Ċertu tiżjin beda jidher fil-vetrini tagħhom ukoll. Ma' dawn daħlu wkoll il-ħwienet tal-ħelu u bdew iżejnu sew għall-karnival u sew għal San Valentinu. Id-*discos* żdiedu u l-ikliet speċjali bdew jidhru fil-gazzetti. Dawn bdew isiru fir-restoranti

u l-lukandi. Il-ħwienet tal-kartolini żiedu n-negozju tagħhom u bdew jidhru fuq is-suq kartolini umoristiċi għal din il-festa. Tal-posta sab li issa kellu festa oħra biex iġorr il-kartolini fuq spalltu. Kull żagħżugħ beda jibgħat kartolina jew tnejn jew aktar lil xi ħadd! Illum din il-festa saret stabbilita tant li meta Guido Lanfranco ħareġ ktieb dwar il-kalendarju Malti, kalendarju folkloristiku Malti ta' dawn iż-żminijiet, hu daħħal din il-festa, ħaġa li ma għamilx il-kittieb u studjuż l-ieħor Ġużè Cassar Pullicino fis-snin sebgħin.

## Il-bidu

Din il-festa ilha ssir fil-pajjiżi Anglo-Sassoni għal ħafna snin. L-aktar li kienet tiġi ċċelebrata kien fl-Ingilterra u fl-Amerika. F'dawn il-pajjiżi matul is-seklu 17 daħlet l-użanza li wieħed jibgħat ittra fejn wieħed jiddikjara l-imħabba tiegħu jew tagħha lil dik il-persuna partikulari. L-Awstralja u l-Kanada daħlu wkoll fix-xena wara, permezz tal-influwenza Ingliża. Dawn ukoll kienu xi darba parti mill-Imperu Ingliż. Din il-festa llum daħlet f'kull pajjiż tal-Ewropa. Għall-Iżvediżi din il-festa hija magħrufa bħala ***Alla Hjartans Dag*** (Jum il-Qlub Kollha); għall-Finlandiżi dan il-jum hu magħruf bħala ***Ystamapaiva*** (Jum il-Ħbieb Kollha). Għan-Norveġiżi l-kartolini ma jintbagħtux bejn il-maħbubin biss, bħalma jsir f'Malta, iżda bejn in-nies li wieħed ikun għal qalbu magħhom jew jixtieq ikun jaf aktar dwarhom. Jintbagħtu wkoll bejn il-membri tal-familja. Issib li wieħed Norveġiż jibgħat kartolini lil nanna jew nannu, jew xi kuġin, li għall-Malti hija kkunsidrata bħala ħaġa ta' ġenn.

## Il-leġġenda

Din il-festa għandha diversi leġġendi marbutin magħha. Waħda minn dawn il-leġġendi tgħid li fis-sena 270 w.K., l-Imperatur Klawdju ried li joqtol lil kull Nisrani li ma riedx jiddikjara pubblikament li jemmen f'Alla – Alla wieħed. Ċertu wieħed Valentinu, Nisrani, ma riedx jimxi fuq l-ordni ta' dan l-Imperatur. Hu ma riedx li jiċħad lil Alla pubblikament. Għalhekk sab ruħu fil-ħabs. Waqt li kien wara l-ħadid, wieħed li kien jaħdem fil-ħabs sab li dan Valentinu kien jaf ħafna skola, u għalhekk talbu li jgħallem lil bintu Julia. Din it-tifla kienet nieqsa mid-dawl. Valentinu kien jaqralha l-istorja u xi drabi kien jitkellem ukoll magħha fuq Alla. Kien jgħallimha wkoll il-Matematika, fost suġġetti oħra.

Maż-żmien l-influwenza ta' Valentinu bdiet tidher fuq Julia. Hija bdiet ikollha fiduċja fih. Il-kliem tiegħu kien sar sagru għaliha. Kull filgħodu u filgħaxija Julia bdiet titlob lil Alla. It-talba tagħha kienet waħda li xi darba għajnejha jkollhom id-dawl. Din kienet ix-xewqa ta' din iż-żagħżugħa għamja. Jum wieħed, fiċ-ċella, waqt li kienet ma' Valentinu, daħal dawl qawwi. Julia bdiet tgħajjat kemm tiflaħ, "**Qed nara, qed nara!**" Valentinu, meta sema' dan il-kliem, niżel għarkupptejh u talab lil Alla. Hu rringrazzjah tal-grazzja li kien ta lil Julia. F'dawn il-ġranet Valentinu ttieħed biex jieħu dak li kien ippjanalu l-Imperatur, il-martirju. Qabel ma ħalla ċ-ċella Valentinu kiteb ittra lil Julia, fejn stqarr li kien iħobbha u talabha biex tibqa' magħquda m'Alla. Din l-ittra ġiet iffirmata minn Valentinu – "**Mingħand Valentinu tiegħek**". Kien l-14 ta' Frar u Valentinu kien diġà daq il-martirju, u għalhekk Julia riedet tagħmel xi ħaġa bħala memorja ta' Valentinu. Hi ħalliet siġra tal-lewż. Għalhekk maż-żmien din is-siġra żviluppat bħala simbolu ta' mħabba u ħbiberija li ma tmut qatt.

## Illum

Bil-mod il-mod bdiet dieħla d-drawwa li wieħed ifaddal kartolini u rigali tipiċi ta' din il-festa. Din id-drawwa hija ferm popolari mal-kollezzjonisti fl-Ingilterra u fl-Amerika. Wieħed isib kartolini tassew artistiċi u dekorattivi ta' żmien ir-renju tar-Reġina Victoria. Wieħed isib ukoll rigali żgħar tal-karti bħal imriewaħ tal-karti bil-kliem ideali għall-maħbubin. Xi drabi wieħed isib ukoll kaxex taċ-ċikkulata. Hemm ukoll fuq is-suq tal-antikitajiet karti tal-ittri speċjali li ġew stampati għal dan il-jum.

L-awtoritajiet postali qed joħorġu bolol speċjali għal din l-okkażjoni. Anke dawn qed isiru popolari mal-kollezzjonisti.





KNISJA: ĦAJJA, ĦIDMA U AĦBARIJIET
P. Silvestru Bonavia OFMCap

# Randan mimli ĦNIENA

Dan ir-Randan huwa Randan speċjali. Alla, fi ħnientu, għandu grazzji ikbar mis-soltu li lest ixerridhom fuqna lkoll. Jeħtiġilna biss nilqgħu l-istedina tiegħu u nersqu lejh b'fiduċja, bl-umiltà u b'qalb niedma, mimlija ħniena lejn ħutna l-bnedmin. U dan nagħmluh taħt il-ħarsien u bil-għajnuna ta' Ommna Marija, omm il-ħniena.

Hekk nistgħu niġbru fil-qosor ħafna l-ħames omeliji sbieħ li l-Papa għamel meta fetaħ 'il-Bieb Qaddis' huwa nnifsu għal ħames darbiet. L-ewwel ma għamel dan, għall-ewwel darba fl-istorja, il-Papa Franġisku fetaħ il-Bieb Qaddis f'Bangui, il-belt kapitali tar-Repubblika Ċentru-Afrikana. Dan għamlu waqt iż-żjara tiegħu fid-29 ta' Novembru 2015, biex iwassal messaġġ kbir ta' ħniena u kuraġġ lill-poplu ta' hemm, mifni bi gwerra ċivili li twalet u qerdet eluf waqt li aktar minn mitejn elf kellhom iħallu djarhom u l-irħula tagħhom. Il-messaġġ tiegħu xtaqu jkun dirett ukoll lejn kull min qed isofri bil-gwerer, bil-ġuħ u b'tant inġustizzji oħra. Għalhekk minn hemm huwa għamel sejħa qawwija għall-maħfra, għall-paċi u l-imħabba u għar-rikonċiljazzjoni.

Imbagħad il-Papa Franġisku fetaħ il-Bibien Qaddisa f'San Pietru fil-Vatikan, fil-Lateran u f'Santa Maria Maggiore f'Ruma.

Imma ma' dawn ried iżid wieħed ieħor għal qalbu ħafna. Bieb Qaddis ġdid fl-istorja. Fi Triq Marsala, Ruma, qrib l-istazzjon ewlieni tal-ferrovija, fejn mijiet ta' nies u aktar ukoll kuljum imorru jsibu kenn għal kull xorta ta' għajnuna organizzata u animata mill-Caritas tad-djoċesi. Mhux ta' b'xejn ried li dan il-bieb jissejjaħ 'il-Bieb tal-Karità'. Hawnhekk il-Papa tenna: "Il-Mulej jgħinna nifhmu li ż-żegħila tal-Missier, il-ħniena tiegħu, il-maħfra tiegħu jkunu għalina meta aħna nersqu lejn dawk li jbatu, dawk imwarrbin fis-soċjetà: hemm insibu lil Ġesù."

Dan juri mill-ewwel li kollox straordinarju mal-Papa Franġisku. Fl-ewwel Sena Mqaddsa, fis-sena 1300, il-Bieb Qaddis kien wieħed biss f'Ruma; fl-1500 mbagħad saru erbgħa: fl-erba' bażilki ewlenin ta' Ruma, u hekk baqgħu. Imma did-darba l-Papa ried li kulħadd jesperimenta r-rigal tal-ħniena t'Alla, billi f'kull waħda mid-djoċesijiet Kattoliċi tad-dinja, li jgħoddu qrib it-3,000, isir dan. Mhux biss, imma ried ukoll li kull djoċesi tista' tagħmel dan eħfef billi jinfetħu Bibien Qaddisa aktar minn hekk. Fil-fatt hekk sar Malta u Għawdex. B'kollox hu kkalkolat li mad-dinja Kattolika ser ikun hawn aktar minn 12,000 fejn wieħed jista' jakkwista l-maħfra sħiħa mingħand Alla f'dan il-Ġublew kbir, qaddis u straordinarju.

L-importanti, imma, mhux il-Bieb. Il-pellegrinaġġi li jsiru mhumiex biżżejjed weħidhom. Flimkien ma' dawn irridu nħejju ruħna bi ndiema sinċiera ta' dnubietna u nduru lejn Alla, li qiegħed jistenniena ħafna qabel aħna ma niddeċiedu mmorru għandu. Hekk iħobb jirrepeti l-Papa nnifsu. Alla jrid idewwaqna din ħnientu u mħabbtu bla qisien, u jgħinna ngħixu ħajja ġdida fi

Kristu u skont it-tagħlim tiegħu. Dan huwa l-qofol tal-Ġublew kollu tal-ħniena.

Mill-ħames omeliji sbieħ nagħżlu biss ftit ħsibijiet qosra ma' dak li għedna qabel.

Meta fetaħ il-Bieb Qaddis tal-knisja ta' San Pietru fil-Vatikan, il-Papa Franġisku saħaq fuq il-valur spiritwali u pastorali tal-Konċilju Vatikan II, li dakinhar li kien jitkellem il-Papa l-Konċilju għalaq 50 sena minn tmiemu. Jiġifieri tmiem il-laqgħat u t-tfassil tad-dokumenti. Imma l-Konċilju mhux dokumenti biss! L-Ispirtu s-Santu wera triq ġdida lill-Knisja, li trid toħroġ "tiltaqa' tassew mal-bniedem tal-lum... fejn ikun jgħix: fil-belt tiegħu, f'daru, fil-post tax-xogħol... Hemm il-Knisja hija msejħa biex twassal il-ferħ tal-Evanġelju, il-ħniena, il-maħfra ta' Alla."



Meta fit-tielet Ħadd tal-Avvent il-Papa fetaħ il-Bieb Qaddis fil-katidral tiegħu fil-Lateran, huwa saħaq fuq il-ferħ li jiġi mill-ħniena li nuru lejn xulxin. Kien il-Ħadd magħruf bħala 'tal-ferħ' fl-Avvent. "Il-miġja tal-Mulej għandha timla bil-ferħ lil qlubna." Għax Ġesù huwa magħna u qribna "nistgħu nifhmu u nilqgħu l-imħabba bla qies ta' Alla, Missierna tas-sema, li tagħmilna ħolqien ġdid, tibdilna u ġġib riforma f'ħajjitna." Hekk bil-ferħ tal-ħniena t'Alla f'qalbna "nagħtu xhieda li Alla huwa qrib kull persuna u jieħu ħsieb kull bniedem."

Fl-aħħar nett, meta fl-1 ta' Jannar, il-festa solenni ta' Marija, Omm Alla, il-Papa fetaħ il-Bieb Qaddis ta' S. Maria Maggiore, huwa għamel enfasi, kif wieħed kien jistenna, fuq "Marija, Omm il-ħniena, li tatna l-ħniena t'Alla l-Missier f'Ġesù... Marija hekk issir ix-xbieha tal-Knisja li trid teżerċita din il-ħniena." Tajjeb niftakru, qalilna l-Papa, li aħna flimkien mal-Knisja nsejħu lil Marija bit-talba sabiħa antika: "Sliem, Omm il-ħniena, Omm Alla u Omm il-maħfra, Omm it-tama u Omm tal-grazzja,



Omm mimlija b'ferħ qaddis." Kliem li jixbah ħafna l-bidu tat-talba komuni li ntennu spiss: "Sliem għalik, Sultana, *Omm il-Ħniena*..."

Issa li fl-10 ta' Frar nibdew iż-żmien qaddis tar-Randan, nippruvaw ilkoll kemm aħna nilqgħu din l-istedina tal-Papa. Għalina dan il-jum ifakkarna wkoll mhux biss fil-festa esterna ta' Missierna San Pawl, li ġie fostna, imma fl-impenn biex ngħixu l-fidi tagħna sħiħa. Il-fidi mis-smigħ tal-Kelma t'Alla. Ma nħallux dan ir-Randan speċjali tal-Ġublew jgħaddi mingħajr ma nieħdu sehem fl-eżerċizzi mqaddsa. Għandna ħafna mezzi biex inwettqu dan b'impenn. Neżerċitaw ruħna f'opri ta' ħniena ma' ħutna fil-bżonn, nibdew madwarna! U nsaħħu l-ħajja ta' talb tagħna biex bil-għajnuna t'Alla nikkonvertu tassew! U hekk il-frott tal-Ġublew ikun ġa beda jseħħ fina.

Issa li fl-10 ta' Frar nibdew iż-żmien qaddis tar-Randan, nippruvaw ilkoll kemm aħna nilqgħu din l-istedina tal-Papa. Għalina dan il-jum ifakkarna wkoll mhux biss fil-festa ta' Missierna San Pawl li ġie fostna imma fl-impenn biex ngħixu l-fidi tagħna sħiħa. Il-fidi mis-smigħ tal-Kelma t'Alla. Ma nħallux dan ir-Randan speċjali tal-Ġublew jgħaddi mingħajr ma nieħdu sehem fl-eżerċizzi mqaddsa. Għandna ħafna mezzi biex inwettqu dan b'impenn. Neżerċitaw ruħna f'opri ta' ħniena ma' ħutna fil-bżonn, nibdew madwarna! U nsaħħu l-ħajja ta' talb tagħna biex bil-għajnuna t'Alla nikkonvertu tassew! U hekk il-frott tal-Ġublew ikun ġa beda jseħħ fina.

Nagħmlu minn kollox biex f'dan iż-żmien qaddis tar-Randan nisimgħu aktar il-Kelma t'Alla fl-Eżerċizzi Mqaddsa, nimpenjaw ruħna biex inbiddlu ħajjitna għall-aħjar, mimlijin fiduċja akbar fil-Ħniena t'Alla u nuru aktar ħniena ma' kulħadd.



MILL-ISKOLA TA' PATRI PIJU TAL-PJAGI

**Fr Joe Buttigieg OFMCap**

IT-TIENI PARTI



# Il-kunventi Kapuċċini mbierka bil-preżenza ta' San Patri Piju: San Giovanni Rotondo

Meta wieħed jitkellem dwar San Giovanni Rotondo u Patri Piju jkun qiegħed jitkellem dwar kumpless sħiħ li beda bħal żerriegħa żgħira, u li qiegħda tkompli tikber u tisbieħ.

Dan il-kumpless ta' diversi binjiet u realtajiet jagħmel minn San Giovanni fuq il-Gargano post għalkollox partikulari.

## Il-knisja l-qadima

Mal-kunvent hemm il-knisja l-qadima. Din hija waħda sempliċi għall-aħħar u mingħajr tlellix, imma fiha arja ta' mistiċiżmu, li tistieden lil dawk li jidħlu fiha biex jinġabru fit-talb. Hija knisja kif is-soltu jkollhom il-patrijiet Kapuċċini.

Il-bidu tagħha jmur lura lejn is-sena 1540. Il-bini ġie fit-tmiem tiegħu fl-1581. Flimkien mal-kunvent sofriet ħsarat bit-terremot tal-1624. It-tiswijiet damu sejrin 5 snin. Fil-5 ta' Lulju 1676 ġiet ikkonsagrata u ddedikata lill-Madonna tal-Grazzja.

'Il fuq mill-artal maġġur wieħed jista' jara l-kwadru titulari tagħha, li huwa tempra fuq it-tila tas-seklu 16, skola tal-Puglia, attribwit lil Fra Cesare Turco u Decio Tramontano. Dan il-kwadru tal-Madonna tal-Grazzja jagħmel parti minn trittiku.

Wara l-Knisja hemm is-sagristija tal-istess knisja, li fiha hemm imdendla mal-ħitan tagħha kwadri ta' San Ġwann Battista, Sant'Antnin ta' Padova, San Franġisk t'Assisi, San Mikiel u dak tal-Missier Etern. Hemm oħrajn li juru 'l Ġesù Kurċifiss mal-*pie donne* u San Ġwann l-Evanġelista, dak tal-Addolorata, dak ta' Ġesù inkurunat bix-xewk u oħrajn. Għaliex qed insemmihom dawn il-kwadri? Għaliex quddiem dawk il-kwadri Padre Pio kien jieqaf, iħares u jitlob. Għax għalhekk iservu l-kwadri, l-ikoni u l-istatwi tal-qaddisin, biex ifakkruna fil-persuni li huma jirrappreżentaw, fil-ħajja qaddisa u fix-xhieda ta' ħajjithom bl-għejxien tal-Evanġelju, ħalli aħna wkoll nagħmlu l-qalb għal Alla.

Fl-10 t'Awwissu 1935, fl-okkażjoni tal-ġublew tal-fidda mill-ordinazzjoni saċerdotali ta' Padre Pio, fuq inizjattiva ta' xi wħud minn San Giovanni Rotondo, b'rigal lill-qaddis ġie deċiż li tiġi restawrata l-knisja l-qadima. Għal dan ir-restawr ġie msejjaħ artist Milaniż, Natale Penati.

Fl-1959 il-knisja kienet reġgħet ġiet miżbugħa minn Cesarino Vincenzi u mżejna minn Eliseo Simili, bi kwadru li juri lil San Pawl, minħabba fid-devozzjoni ta' Padre Pio lejh.

F'din il-knisja kien iqaddes kuljum fil-ħamsa ta' filgħodu, fuq l-artal iddedikat lil San Franġisk. Hemm ukoll il-konfessinarju fejn kien jilqa' n-nies għall-qrar u l-kor fejn ġismu ġie stampat bil-ħames pjagi tal-Imsallab wieqaf.

X'ma rawx il-ħitan ta' din il-knisja?!



*Dehra tal-knisja l-ġdida ddedikata lil San Piju ta' Pietrelcina.*

## Il-knisja l-ġdida tal-Madonna tal-Grazzja

Minħabba li n-nies kienet dejjem qiegħda tiżdied ġewwa San Giovanni Rotondo għall-quddiesa ta' Padre Pio, jew biex iqerru, inkella jitolbuh xi parir, kien beda jidher il-bżonn ta' knisja ikbar, għax dik qadima kienet saret żgħira wisq, l-aktar fil-jiem kesħin tax-xitwa, li taf tkun qalila fuq il-muntanji tal-Gargano.

Il-knisja l-ġdida hija waħda għalkollox sempliċi, stil romantiku. L-ambjent minn ġewwa huwa wieħed ta' tip bażilikali, b'żewġ fillieri ta' pilastri monolitiċi.

Dawn il-pilastri ġew mogħtija minn bliet differenti tad-dinja lil Padre Pio. Anki din il-knisja hija ddedikata lill-Madonna tal-Grazzja. Fil-faċċata minn ġewwa wieħed jista' jara mużajk kbir li juri lill-Madonna tal-Grazzja mdawra bl-anġli, opra tal-Professur Bedenini ta' Ruma, xogħol li sar mill-iskola tal-mużajk tal-Vatikan.

Fuq in-naħa tal-lemin, isfel nett ta' dan il-mużajk, hemm l-ittri R.E.S.P. Vaticano 1958, meta sar.

Wara l-kanonizzazzjoni tal-qaddis tagħna, fis-16 ta' Ġunju 2002, kienet saret żieda fix-xbieha ta' dan il-mużajk. Taħt ix-xbieha tal-Madonna, l-istess skola Vatikana għanietu bix-xbieha ta' anġlu li qed ipoġġi fuq ras il-qaddis Kapuċċin tal-pjagi l-kuruna tal-glorja.

Fuq l-artal maġġur insibu sett ta' statwi żgħar tal-bronż, opra tal-iskultur Celestino Petrone, li juri lil San Franġisk, San Bonaventura, San Ġużepp ta' Leonessa, San Lawrenz minn Brindisi u l-Ġermaniż San Kurradu ta' Parzham. Dawn l-aħħar tliet qaddisin li semmejt huma tal-Ordni Kapuċċin. Magħhom hemm ukoll statwa tal-appostlu tal-morda, San Kamillu de Lellis. Ir-raġuni ta' din l-istatwa ta' dan il-qaddis, li kien għal xi żmien Kapuċċin imma mbagħad waqqaf kongregazzjoni għall-assistenza tal-morda, imsejħin Kamiljani, hija għax kien f'dan il-kunvent Kapuċċin li seħħet il-konverżjoni tiegħu.

Għandha faċċata tat-travertin. Fuq il-faċċata hemm statwa tal-irħam tal-Madonna tal-Grazzja.

Din il-knisja l-ġdida kienet ġiet inawgurata fl-1959.

Fil-knisja, kif ukoll fis-sagristija, hemm diversi opri artistiċi oħra ta' valur. Uħud minnhom huma rigali li kienu ġew mogħtija lil Padre Pio.

Kwadru interessanti ħafna, li juri lil Abram qed jissagrifika lil ibnu Iżakk, jinsab fil-kappella żgħira tal-kunvent fejn Padre Pio kien iqaddes waħdu meta kien ġie miżmum għall-ewwel darba fl-1933.

## L-ewwel kripta għall-qaddis

Tagħmel sehem sħiħ mill-binja kollha tal-kunvent, knisja qadima u dik ġdida, wieħed jista' jżur il-kripta li fiha kienet laqgħet il-ġisem mejjet ta' Patri Piju.

Kif nafu, kienet xewqa kbira tiegħu li ma jinfiridx minn San Giovanni Rotondo. Għalhekk il-patrijiet kienu ħasbu biex ħolqu din il-kripta, li kienet lesta ftit sigħat biss qabel ma Padre Pio miet fit-23 ta' Settembru 1968.

Il-fdalijiet tal-patri Kapuċċin tal-pjagi damu jistrieħu f'din il-kripta 42 sena, sakemm fid-19 t'April 2010 ġew trasferiti għall-knisja l-ġdida ddedikata lilu. Din il-knisja, fuq pjanta ta' Renzo Piano, ġiet inawgurata fl-1 ta' Lulju 2004. Hija monument ieħor lill-qaddis tal-pjagi, li jinkludi fih knisja li tesa' eluf ta' nies, kappella tas-Sagrament, in-niżla bil-mużajċi mill-ħajja ta' San Franġisk u San Piju, u l-kripta l-ġdida, it-tieni waħda, fejn illum hemm espost il-ġisem tiegħu.

## Casa Sollievo u t-Triq tas-Salib

L-ikbar opra ta' Patri Piju li tinsab San Giovanni Rotondo hija l-isptar li huwa ried għall-morda foqra. Casa Sollievo għandha storja twila. Taf il-bidu tagħha fl-1940, imma l-bini tagħha ma bediex qabel l-1947. Ġiet miftuħa uffiċjalment fl-1956 b'diskors tal-istess fundatur tagħha, Padre Pio, li dakinhar sejħilha 'ħlejqa tal-providenza'.

L-isptar ma waqqafx il-mixja tiegħu, imma għadu jikber u jiżviluppa, grazzi għall-għotjiet tal-membri ta' gruppi ta' talb, benefatturi u devoti tal-qaddis fid-dinja kollha.

Il-ħolqa li tgħaqqad il-kunvent Kapuċċin, iż-żewġ knejjes tal-Madonna tal-Grazzja u Casa Sollievo della Sofferenza hija t-Triq tas-Salib, fuq il-għolja biswit. L-ewwel ġebla ta' din il-Via Sagra monumentali tqiegħdet ġurnata waħda biss qabel miet Patri Piju, u kienet lesta fl-1981. Magħmula mill-granit, irħam u bronż, fuq disinn tal-iskultur Sqalli Francesco Messina, ikkonvertit mill-qaddis stess.

*Il-knisja l-ġdida tal-Madonna tal-Grazzja (minn ġewwa)*





KAPPELLI B'RELAZZJONI MAL-KAPUĊĊINI
**Max Farrugia**

# Il-Kappella fl-Isptar Boffa, il-Furjana

Żgur li ftit ħafna huma dawk li żaru xi darba jew oħra l-Isptar Boffa, li oriġinarjament kien jissejjaħ King George V, li jinsab il-Furjana. Allura aktar u aktar ma żarx il-kappella li hemm fih u li għandha rabta mal-patrijiet Kapuċċini, minħabba li bħalma jagħmlu fi sptarijiet oħra taw servizz lill-pazjenti, lil nieshom u lill-ħaddiema f'dan l-isptar. Qed ngħid 'taw' minħabba li propju ftit tal-ġimgħat ilu dan l-isptar għalaq il-bibien tiegħu bħala sptar u s-servizzi u l-pazjenti ġew trasferiti għaċ-Ċentru Sir Anthony Mamo, li hemm viċin ħafna tal-Isptar Mater Dei. Minkejja dan, il-patrijiet Kapuċċini xorta waħda se jibqgħu jkunu ta' servizz fiċ-ċentru l-ġdid.

Kif tgħid lapida li hemm imwaħħla fil-kurutur prinċipali ta' dan l-isptar, kien il-Gvernatur ta' Malta Lord Methuen li ħadem ħafna sabiex jinbena dan l-isptar, bħala memorja tas-servizz li taw dawk il-ħaddiema tan-Navy merkantili li ħafna minnhom tilfu ħajjithom fil-Mediterran matul l-ewwel gwerra.

Dan l-isptar oriġinarjament kien inbena u amministat ukoll mill-għaqda magħrufa bħala Seamens' Christian Friends Society Hospital Trust ta' Londra, li kellhom ukoll għajnuna minn hawn Malta. Il-perit ta' dan l-isptar kien Bridgeford Pirie, filwaqt li dan inbena mill-kuntrattur Malti Michele Camilleri.

L-isptar li jinsab fil-Furjana kien issemma għar-Re Ġorġ V, tant li ħafna anzjani għadhom jirreferu għalih b'dan l-isem. L-ewwel ġebla tiegħu kienet tqiegħdet fis-27 ta' Marzu 1919 mill-mara tal-Gvernatur Lord Methuen, u ġie inawgurat mill-Gvernatur Lord Plumber fit-30 ta' Novembru 1922.

B'riżultat tal-gwerra bejn l-1914 u l-1918 mietu xejn inqas minn 15,570 baħri li kienu jservu fin-Navy merkantili. Minbarra l-ħafna pazjenti li kienu nġiebu Malta matul din il-gwerra biex jiddewwew f'pajjiżna, l-isptar ifakkar ukoll il-memorja tar-Rev. George Wisely u l-mara tiegħu, li minbarra x-xogħol siewi li għamlu f'Malta ħarġu l-flus għal dan l-isptar u l-kappella li hemm ġo fih.

Meta kien inbena dan l-isptar inbniet kappella wkoll, li minnha kien jingħata servizz reliġjuż lill-pazjenti b'reliġjonijiet differenti, l-aktar Protestanti u Kattoliċi. Sa ftit tal-ġranet ilu f'din il-kappella tal-Isptar Boffa kien saċerdot tal-Knisja Kattolika, patri tal-Ordni Franġiskan tal-Kapuċċini, li kien jagħti servizz reliġjuż lill-pazjenti u anki lill-ħaddiema. Fost is-servizzi mogħtija mill-patrijiet Kapuċċini hemm l-amministrazzjoni tas-sagramenti, u jingħataw pariri spiritwali lil min jitlobhom. Dawn is-servizzi mill-patrijiet Franġiskani Kapuċċini bdew jingħataw minn meta l-isptar ittieħed mill-Gvern Malti fl-1970 u nfetaħ lura taħt l-isem



*It-tabernaklu li minnu saret is-serqa*

ta' 'Sptar Boffa'. L-isptar issemma għall-Prim Ministru Boffa għax wara ħsara li ġarrab matul it-tieni gwerra dinjija kien issewwa u reġa' beda jopera fiż-żmien meta huwa kien Prim Ministru.

Is-servizz spiritwali normalment kien jingħata u se jibqa' jingħata minn żewġ patrijiet, sabiex il-preżenza tagħhom ma tonqos qatt, lejl u nhar. Is-servizzi tal-kappillan tal-isptar huma li ta' kuljum iwassal l-ewkaristija u jqarben lill-pazjenti li jkun hemm fil-*wards*, jingħata servizz ta' qrar, f'diversi każi anki jiltaqa' mal-familjari tal-pazjenti fil-ħin taż-żjarat. Ta' kuljum issir quddiesa fil-kappella tal-isptar u l-Ħadd u fil-festi jkun hemm żewġ quddisiet. Servizz ieħor mogħti mill-kappillan tal-isptar huwa talb ħdejn is-sodda tal-marid jew fil-kappella, għall-istess morda. Minħabba li jista' jkun li l-isptar ikun hemm xi pazjenti li mhumiex ta' twemmin Kattoliku, il-kappillan tal-isptar jgħin billi jsejjaħ ragħaj spiritwali ieħor bħall-imam jew il-*pastor*.

Il-kappella li hemm f'dan l-isptar tinsab fl-ewwel sular u hija mdaqqsa mhux ħażin. Għandha forma rettangulari u ta' arkitettura sempliċi ħafna, li taqbel ħafna mal-kumplament tal-binja. Ma jinstabu ebda dokumenti li jindikaw lil min kienet dedikata din il-kappella; bħalha ma nsibux f'kappelli oħra użati mill-militar Ingliż, imma ħafna huma tal-fehma li kienet dedikata lil San Luqa.

Fil-kappella nsibu artal mejda wieħed u tabernaklu sabiħ ħafna ingastat ġol-ħajt. Tajjeb ngħidu li Ġesù fl-Ewkaristija jkun espost il-ħin kollu matul il-ħin li l-kappella tkun miftuħa. Eżatt fuq it-tabernaklu hemm kurċifiss.

Forsi l-aktar ħaġa li tolqot l-għajn f'din il-kappella hija tliet twieqi kbar minn fejn jidħol id-dawl. Dawn huma magħmulin minn *stained glass* antik. Fil-fatt dawn saru f'nofs is-seklu l-ieħor. Minkejja li l-kappella kienet intlaqtet fi żmien it-tieni gwerra mill-bombi tal-għadu, dawn it-twieqi ma ġarrbux ħsarat.

L-ewwel tieqa kif tidħol fil-kappella turi l-figura ta' San Nikola, u fil-parti ta' isfel tagħha naraw il-port ta' Malta u xi vapuri tal-gwerra. Din tħallset mill-familja Knowles, sabiex ifakkru l-memorja ta' Lt Andrew Knowles ta' 23 sena u Lt Grenville Knowles ta' 23 sena wkoll, li kienu nqatlu fil-gwerra. Fit-tieni tieqa nsibu gwerrier li għandu tarka bis-salib tal-George Cross u xabla f'idu, filwaqt li fin-naħa ta' isfel hemm ajruplani qed jattakkaw u l-binja tal-isptar. Din tħallset mir-Royal Air Force, sabiex ifakkru l-għajnuna kollha li l-isptar u l-ħaddiema tiegħu taw lill-pazjenti.

Fit-tielet tieqa, li tinsab viċin ħafna tal-artal, hemm il-figura ta' San Luqa, li għandu rabtiet mat-tobba. Din tħallset mill-familja Wisely sabiex ifakkru l-memorja ta' Rev. Dr George Wisely u l-mara tiegħu, għax-xogħol kbir li għamlu fil-pajjiż tagħna u anki fil-qasam mediku.




*Fr Joe Mallia u Fr Vincent Buhagiar, kappillan fl-isptar ġdid Sir Anthony Mamo.*

F'din il-kappella minbarra l-Via Sagra nsibu żewġ statwi, waħda tal-Kunċizzjoni u oħra ta' San Franġisk, li flimkien ma' kwadru ta' San Ġorġ Preca, l-ewwel qaddis Malti, isebbħu din il-kappella. Fil-parti ta' wara l-artal, fejn hemm ukoll tabernaklu, insibu wkoll sagristija żgħira.

Ta' min jgħid li fil-5 ta' Jannar tal-2013 kienet saret serqa ta' żewġ pissidi minn din il-kappella, li kienu mimlija bl-ostji konsagrati. Att sagrilegu bħal dan huwa kkunsidrat bħala wieħed mill-aktar dnubiet koroh li wieħed jista' jagħmel, u minħabba l-kobor tiegħu, jekk il-ħalliel jinqabad u jagħmel indiema fil-qrar il-penitenza trid tiġi direttament mingħand il-Papa. Huwa maħsub li din is-serqa saret sabiex jinnegozjaw dawn l-ostji li jintużaw f'ċerti ċrieki vizzjużi, u li f'dawn iċ-ċrieki l-ostji jġibu flus tajba. Sabiex ipattu għal dan l-att, il-kappillan tal-isptar Patri Joe Saliba kien organizza talb ta' riparazzjoni propju l-ġimgħa ta' wara. Fl-isptar il-ġdid tal-Onkoloġija, Sir Anthony Mamo, hemm kappella wkoll, li tinsab fl-ewwel kurutur kif wieħed jidħol l-isptar. Dwar din il-kappella jkollna l-okkażjoni nitkellmu darb'oħra.




IL-FONDAZZJONI PAĊI U ĠID
**Fr Philip Cutajar**

# Milied **b'differenza**

Il-komunità tal-emigranti Eritreani f'Malta din is-sena kellha Milied differenti minn dak tas-soltu. Dan seħħ bl-inizjattiva tal-Fondazzjoni Paċi u Ġid, li l-Franġiskani Minuri Kapuċċini waqqfu f'Malta reċentement. Din il-fondazzjoni għandha l-ħsieb li skont il-kariżma Franġiskana tingħata għajnuna lil dawn l-emigranti li huma deħlin Malta, bil-għan li jfittxu futur aħjar. L-emigranti Eritreani li huma Kattoliċi tar-rit Ortodoss jiltaqgħu regolarment fil-kappella ta' Lourdes, li l-Kapuċċini għandhom fil-Furjana.

Dan il-Milied għall-emigranti Eritreani kien differenti, għaliex bl-għajnuna li ġiet ipprovduta lilhom irnexxielhom jiċċelebrawh hekk kif kienu jiċċelebrawh f'art twelidhom. Dan seta' jseħħ billi saret laqgħa magħhom min-naħa ta' dawk responsabbli mill-fondazzjoni, fejn huma ngħataw l-ispazju li esprimew liema kienu x-xewqat tagħhom, bil-għan li jiċċelebraw il-Milied daqslikieku kienu f'pajjiżhom.

## Saċerdot Kapuċċin Eritrean f'Malta

L-ewwel mument kien meta l-fondazzjoni stiednet saċerdot Kapuċċin mill-Eritrea li qiegħed residenti f'Milan sabiex jiġi għal tlett ijiem f'Malta. Dan laqa' l-istedina tagħna. Il-preżenza tiegħu kienet li jipprepara spiritwalment u pastoralment lill-grupp ta' madwar 80 Eritrean għall-festi tal-Milied. Kellhom speċi ta' novena fejn ingħataw il-katekeżi meħtieġa u kellhom iċ-ċans ukoll li jippreparaw għall-Milied bis-sagrament tal-qrar.

## Ikla tal-Milied

It-tieni attività kienet ikla organizzata minnhom u għalihom. Din l-ikla, li ġiet iffinanzjata mill-fondazzjoni, ġiet ippreparata b'ikel stil Eritrean, bil-laħam tal-mogħoż ippreparat tassew tajjeb. Għal din l-ikla ġew ukoll mistiedna l-membri tal-Grupp Familji Franġiskani u l-membri tal-Ġi.Fra (Żgħażagħ Franġiskani) li ma jonqsux li jagħtu sehemhom flimkien mal-fondazzjoni b'risq l-emigranti f'Malta. Il-ħsieb ta' dan kien l-integrazzjoni. Integrazzjoni li sseħħ billi l-emigranti Eritreani u l-Maltin jgħaddu ħinijiet flimkien u hemm isiru jafu l-kulturi ta' xulxin, bil-għan li aktar tkun faċli li ngħixu flimkien mingħajr l-ebda preġudizzji li jiżvolġu f'kundanni ta' esklużjoni.



Matul din l-ikla ma naqasx il-kant ta' innijiet tal-Milied, kemm Eritreani kif ukoll Maltin. Il-fondazzjoni ħasbet ukoll biex tagħti rigal tal-Milied lit-tfal Eritreani kollha preżenti.

Dakinhar tal-ikla, li saret nhar is-Sibt 19 ta' Diċembru, ma naqsux li jilqgħu l-istedina li l-Fondazzjoni U, permezz ta' Dun Ġwann Farrugia, għamlitilhom sabiex jiehdu




sehem f'maratona li saret b'dan il-għan fuq l-istazzjonijiet tat-televiżjoni Maltin. Hemmhekk huma kellhom iċ-ċans jaqsmu mal-poplu Malti l-esperjenzi tagħhom dwar kif ġew Malta, u issa kif iħossuhom li qegħdin hawnhekk. F'din l-okkażjoni ngħataw ukoll xi rigali mogħtija mill-Fondazzjoni U.



## *Pageant* tal-Milied flimkien

It-tielet attività li kellhom fil-programm kienet li jieħdu sehem attiv fiċ-ċelebrazzjoni tal-Milied tagħna l-Kattoliċi. Il-Kattoliċi Ortodossi jiċċelebraw il-Milied fl-10 ta' Jannar. Hija xewqa kbira tal-Papa Franġisku li dawn il-festi, kemm tal-Milied kif ukoll tal-Għid, jiġu ċċelebrati mill-Insara kollha, huma ta' liema rit huma; niċċelebrawh flimkien. Nistgħu ngħidu li għal din is-sena din ix-xewqa tal-Papa seħħet għaliex l-emigranti Eritreani f'Malta ċċelebraw il-Milied magħna.

Dan għamluh billi flimkien ma' grupp ta' atturi Maltin ħadu sehem f'*pageant* li ġieli ġie ppreparat minnhom, hekk kif ta' kull sena kienu jagħmlu nhar il-Milied fl-Eritrea, u din is-sena għamluh fil-knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana. B'nostalġija kbira għal dak li kienu jiċċelebraw f'pajjiżhom irnexxielhom jagħmlu issa wkoll hawnhekk f'Malta. Kien *pageant* imtella' f'ħames partijiet, fejn minbarra li ngħata l-messaġġ tar-rakkont tal-misteru li seħħ aktar minn elfejn sena ilu, meta Alla sar bniedem fil-faqar ta' Betlehem, ingħata messaġġ ieħor ferm importanti, jiġifieri dak li Alla sar bniedem għall-umanità kollha, għal kull bniedem ta' kull razza, kulur u reliġjon. Dan ħareġ ċar matul il-*pageant*, fejn kellek taħlita ta' atturi ta' kulur differenti, ta' razza differenti u ta' twemmin differenti jaħdmu flimkien u jagħtu l-istess messaġġ: "Alla l-Missier ta' kulħadd tant ħabb id-dinja li ta lill-Iben uniku tiegħu biex fih l-umanità ssib is-salvazzjoni." Hekk kif intemm il-*pageant* baqgħu fil-knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana għal matul il-quddiesa kollha tal-lejl tal-Milied.

Issa bħala għeluq ta' dawn il-festi tal-Milied imiss lilna bħala Kattoliċi Maltin li b'sens ta' ekumeniżmu u rispett niċċelebraw magħhom il-Milied fil-ġurnata tagħhom, jiġifieri dik tal-10 ta' Jannar. Dakinhar inkunu aħna li nqaddsulhom il-quddiesa bil-liturġija u l-kant sabiħ tagħhom.

Jalla laqgħat u ċelebrazzjonijiet bħal dawn ikomplu, bil-għan li dawn ħutna l-emigranti jkomplu jikbru fil-fidi tagħhom. Wieħed minnhom, fil-qsim tal-esperjenza tiegħu dwar il-vjaġġ twil u iebes li għamel sakemm wasal Malta, qal, "*Domt tliet xhur nivvjaġġa fid-deżert u bil-baħar sakemm wasalt hawn. Batejt immens, speċjalment fil-Libja, fejn ġejt misruq u abbużat. L-unika ħaġa li tlabt lil Alla f'dawk il-mumenti kienet li jwassalni qawwi u sħiħ f'pajjiż Nisrani. U issa li ninsab Malta nemmen li l-Mulej sema' t-talba tiegħi. Intom il-Maltin qed tgħinuni nkompli ngħix il-fidi tiegħi.*"

Nixtiequ nirringrazzjaw lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw u qed jagħtu l-għajnuna tagħhom sabiex il-Fondazzjoni Paċi u Ġid setgħet twettaq dawn l-inizjattivi u fl-istess waqt tkompli tissokta bil-ħidma tagħha b'risq l-emigranti u refuġjati li deħlin f'pajjiżna.








# ŻEWĠ KAPUĊĊINI IKONI TAL-ĠUBLEW TAL-ĦNIENA



IL-ĠUBLEW TAL-ĦNIENA TA' ALLA
**Fr Martin Micallef OFMCap**

Ir-relikwi ta' żewġ qaddisin Kapuċċini, San Leopoldo Mandic u San Piju tal-Pjagi, ser ikunu esposti fil-Bażilika ta' San Pietru ġewwa l-Vatikan, mill-5 sal-10 ta' Frar 2016. Id-deċiżjoni li dawn ir-relikwi jitqiegħdu b'mod temporanju f'Ruma ttieħdet mill-Papa Franġisku stess, li ried jgħaqqad din il-ġrajja maċ-ċelebrazzjoni solenni tal-10 ta' Frar, l-Erbgħa tal-Irmied jew aħjar Ras ir-Randan, fejn dakinhar huwa ser jibgħat daqs 1,000 'missjunarju tal-ħniena' mad-dinja kollha u ser jafdalhom ħidma importanti: dik li jqarru u jaħfru bħala sinjal tal-ħniena kbira ta' Alla f'dan il-Ġublew tal-Ħniena.

Diġà l-Qaddis Papa Ġwanni Pawlu II, fl-okkażjoni tal-Sinodu tal-Isqfijiet fuq ir-Rikonċiljazzjoni, li kien sar f'Ruma fl-1983, kien ikkanonizza lil San Leopoldo Mandic biex ifakkar li dan il-qaddis Kapuċċin bħala l qaddis tal konfessjonarju. Issa mill-ġdid il-Papa Franġisku ried jerġa' jfakkarna f'San Leopoldo Mandic flimkien ma' qaddis ieħor Kapuċċin, San Piju ta' Pietrelcina, it-tnejn marbutin mas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni.

L-idea tal-Papa Franġisku li sejjaħ dan il-ġublew straordinarju ssib il-tifsira tagħha fil-Bolla ta' indizzjoni li kiteb huwa stess sabiex iħabbar din is sena ta' grazzja. Hekk naqraw fin-n. 12: *"Il-Knisja għandha l-missjoni li xxandar il-ħniena ta' Alla, il-qalb tħabbat tal-Evanġelju, li permezz tiegħu trid tilħaq il-qalb u l-moħħ ta' kull bniedem... Il-lingwaġġ u l-ġesti tagħha [tal-Knisja] iridu jgħaddu l-ħniena sabiex din tinfed il-qalb tal-bnedmin u tqanqalhom sabiex isibu mill-ġdid it-triq li terġa' teħodhom lura għand il-Missier"* (*Misericordiae vultus,* n. 12).

Huwa f'dan il-kuntest li l-Ministru Ġenerali tal-Ordni tal-Aħwa Minuri Kapuċċini, P. Mauro Johri OFMCap, f'ittra ċirkulari li huwa kiteb lill-Ordni kollu, bl-isem *Inħabbru l-ħniena ta' Alla*, u li ġġib id-data tat-23 ta' Settembru 2015, ħabbar li *"l-Papa talab lilna l-Kapuċċini biex inġorru ġewwa San Pietru r-relikwi ta' tnejn mill-qaddisin tagħna li spikkaw fis-servizz kbir tagħhom lejn is-sagrament tal-qrar: San Leopoldo Mandic u San Piju minn Pietrelcina. Dawn huma żewġ ikoni ta' ħajja impenjattiva bla ebda kundizzjoni għas servizz tat tħabbir tal-ħniena divina."*



Imbagħad il-Ministru Ġenerali jispjega l-valur ta' dan l-avveniment marbut mal-Ġublew tal-Ħniena billi jkompli jikteb: *"It-talba tal-Papa tonorana ħafna u ssir għalina sa minn issa stess stedina qawwija sabiex niddedikaw ruħna b'impenn imġedded għal*

*dan il-ministeru kemm fil-knejjes tagħna kif ukoll fil-postijiet fejn ser isejħulna sabiex nagħtu dan is-servizz."*

Ir-relikwi ta' San Leopoldo u ta' San Piju jaslu Ruma fl-1 ta' Frar 2016 u sal-4 tax-xahar ser jibqgħu fil-Bażilika ta' San Lorenzo al Verano, bażilika mmexxija mill-Aħwa Kapuċċini tal-provinċja ta' Ruma. Fit-2 ta' Frar, il-jum iddedikat lill-ħajja konsagrata, ser tiġi ċċelebrata velja solenni.

Imbagħad fl-4 tax-xahar il-fdalijiet ta' dawn iż-żewġ qaddisin Kapuċċini ser jittieħdu fil-knisja ta' San Salvatore in Lauro, knisja Rumana li fiha jiltaqgħu l-gruppi ta' talb ta' Patri Piju. Fil-5 tax-xahar hija maħsuba purċissjoni solenni li matulha r-relikwi ta' dawn iż-żewġ qaddisin se jitwasslu fil-Bażilika ta' San Pietru, fejn ser jitqiegħdu qrib il-*Porta Santa*.

L-ostensjoni ser ittul sal-10 ta' Frar, il-jum li fih il-Papa jibgħat '**il-missjunarji tal-ħniena**', li l-ħidma tagħhom ġiet ippreżentata fil-Bolla ta' indizzjoni tal-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena: *"Ikunu sinjal tal-għożża ta' omm li għandha l-Knisja għall-Poplu ta' Alla, biex tidħol b'mod qawwi fl-għana ta' dan il-misteru hekk fundamentali għall-fidi. Dawn ikunu saċerdoti li nagħtihom l-awtorità li jaħfru anke d-dnubiet riservati għas-Sede Appostolika, sabiex jidher b'mod ċar il-kobor tal-mandat tagħhom. Ikunu fuq kollox sinjal ħaj ta' kif il-Missier jilqa' lil dawk li qed ifittxu l-maħfra tiegħu. Ikunu missjunarji tal-ħniena għaliex isiru għal kulħadd bennejja ta' dik il-laqgħa mimlija umanità, għajn ta' ħelsien, għanja bir-responsabbiltà biex jingħeleb kull xkiel u wieħed jerġa' jsir il-ħajja ġdida tal-Magħmudija" (Misericordiae vultus,* n. 18).

Huwa mistenni li numru kbir ta' Aħwa Kapuċċini jiltaqgħu Ruma għal din l-okkażjoni, fosthom ħamsa mill-provinċja ta' Malta. Fil-fatt fid-9 ta' Frar ser issir quddiesa ġewwa l-Bażilika ta' San Pietru għal dawn il-Kapuċċini li ser ikunu Ruma, liema quddiesa ser titmexxa mill-Papa Franġisku. Jidher ukoll li numru ta' pellegrini minn Malta u Għawdex ser ikunu preżenti wkoll f'Ruma matul il-jiem li matulhom ir-relikwi ta' San Leopoldo Mandic u San Piju ta' Pietrelcina ser ikunu esposti għall-qima ta' dawk li jżuru l-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan.

## Min kien San Leopoldo Mandic?

Dan il-patri Kapuċċin, qasir fl-istatura, fqir u dgħajjef fis-saħħa fiżika, imma qawwi fl-ispirtu, kien kapaċi jqajjem il-kuxjenza ta' ħafna għall-grazzja u għall-konverżjoni. Huwa twieled fl-1866 fid-Dalmazja, li dak iż-żmien kienet parti mill-Imperu Awstrijak, u għex f'umiltà kbira t-52 sena ta' ħajja saċerdotali. Waqt l-omelija tal-kanonizzazzjoni tiegħu fis-16 t'Ottubru 1983, San Ġwanni Pawlu II fakkar lil Patri Leopoldo bħala dak li kien dejjem *"lest u bi tbissima, prudenti u modest"*. *"Mgħallem rispettuż"* u *"kunsillier spiritwali li jifhem lil dak li jkun u paċenzjuż"*. Fil-qrar ma kienx itawwal. *"Il-ħniena ta' Alla"*, kien jgħid, *"hija akbar minn dak kollu li aħna nistgħu nistennew."* Huwa baqa' jqarar sa ftit sigħat qabel ma miet fit-30 ta' Lulju 1942. Il-ministeru tiegħu kien animat mix-xewqa tħeġġeġ għall-għaqda fost l-Insara kollha. Għalhekk jissejjaħ 'il-qaddis tar-rikonċiljazzjoni u tal-ekumeniżmu spiritwali'. Il-ħajja ta' Patri Leopoldo kienet iddedikata b'mod esklussiv għall-ministeru tal-qrar. Nistgħu ngħidu li għex ħajtu kważi magħluq f'kamra żgħira ħafna, fejn kien iqarar ġewwa l-kunvent tal-Kapuċċini f'Padova.



## MIN KIEN SAN PIJU TA' PIETRELCINA?

Francesco Forgione, kif kien jismu, twieled fi Pietrelcina fil-25 ta' Mejju 1887. Fis-6 ta' Jannar 1903 huwa ngħaqad mal-patrijiet Kapuċċini u ġie ordnat saċerdot fl-10 ta' Awwissu 1910. Minħabba li kien ikun ħafna marid huwa dar diversi kunventi, sakemm fl-4 ta' Settembru 1916 huwa ntbagħat fil-kunvent ta' San Giovanni Rotondo, fil-Gargano, fejn baqa' sat-23 ta' Settembru 1968, il-jum li fih daħal fil-ħajja ta' dejjem. Waħda mill-ġrajjiet kbar li mmarkat il-ħajja ta' dan il-Kapuċċin kienet meta fl-20 ta' Settembru 1918, waqt li kien qed jitlob quddiem il-kurċifiss tal-kor, huwa rċieva l-pjagi li kienu jidhru u jnixxu d-demm kontinwament għal kważi nofs seklu. Dan il-fenomenu straordinarju ġibed fuq Patri Piju l-attenzjoni tat-tobba, tal-istudjużi u tal-ġurnalisti, imma fuq kollox ta' tant persuni li kienu kuljum imorru għandu sabiex jitlob għalihom u jqararhom. Għal ħamsin sena sħaħ huwa għex ħajja ta' talb, f'umiltà u tbatija.



Jalla San Leopoldo Mandic u San Piju ta' Pietrelcina, ikoni tas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni, jibqgħu jfakkruna fil-ħniena kbira li l-Mulej Alla dejjem lest li jagħtina kull darba li aħna nersqu lejh u nitolbu l-maħfra tiegħu. Fuq kollox, għas-saċerdoti li jqarru, dawn iż-żewġ qaddisin Kapuċċini jibqgħu ikoni ta' kif għandhom jintlaqgħu dawk li jersqu għal dan is-sagrament tal-ħniena.





# Irmied

POEŻIJA
P. Wistin Attard OFMCap

Min għamel il-ħolqien
jiddi sbuħija
u waqqaf is-sisien
kif għoġbu u ried,
fuq l-isbaħ u l-aħjar
fassal 'il-bniedem,
illum ifuħ u jlellex
u għada rmied.

Illum jikkmanda u jaħkem
imqar kewkba,
irid palazzi kbar,
jgħaddiha ta' sinjur.
Imma għada jkollu joqgħod
kif jitqiegħed,
ġo kaxxa fejn mank għandu
fejn idur.









AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA
Fr Publius Mair OFMCap
Segretarju Provinċjali


# Mid-djarju tal-Kapuċċini Maltin

## L-Aħwa Kapuċċini jiċċelebraw bħala fraternità l-Milied

Nhar it-Tnejn 21 ta' Diċembru 2015 l-Aħwa Minuri Kapuċċini żammew l-appuntament annwali tagħhom tal-Milied billi lkoll inġabru fil-knisja tas-Salib Imqaddes fil-Furjana għal mument ta' talb flimkien. Wara li ġiet iċċelebrata t-talba tal-Għasar, il-Ministru Provinċjal Ħuna Martin Micallef għadda kelmtejn tal-okkażjoni lill-Aħwa miġbura. Huwa enfasizza dwar l-ispirtu tal-Milied, spirtu ta' għaqda u mħabba, li għandu jidher fina u bejnietna fil-fraternitajiet tagħna matul is-sena kollha. Spirtu li wkoll irridu nkomplu nxerrduh fl-oqsma tal-appostolat fejn naħdmu. Huwa għamel ukoll riferenza għall-vista li kellna reċentement mis-superjuri tagħna f'Ruma, li r-riżultat tagħha kien wieħed tassew pożittiv li jkompli jgħinna sabiex ma niqfux inħarsu b'fiduċja lejn il-futur tal-preżenza tagħna f'Malta.

Fl-għeluq taċ-ċelebrazzjoni l-Ministru Provinċjal fakkar u feraħ f'isem il-provinċja lil dawk kollha li matul is-sena 2015 iċċelebraw xi anniversarju importanti tal-presbiterat jew tal-professjoni tagħhom (ara *Dawl Franġiskan*, Diċembru 2015).

Il-laqgħa fraterna tal-Milied intemmet billi l-Aħwa kollha nġabru fir-refettorju, fejn hemmhekk filwaqt li ġiet servuta l-ikla ta' filgħaxija komplew jaqsmu bejniethom il-ferħ tal-Milied, filwaqt li jgħaddu lil xulxin l-awguri marbuta ma' dawn il-festi.







## Il-Fundazzjoni 'U' għal darb'oħra toffri l-għajnuna tagħha

FONDAZZJONI U XANDIR SOĊJO-RELIĠJUŻ

Il-Fundazzjoni U fl-okkażjoni tal-10 anniversarju tagħha ħasbet biex għal darb'oħra tagħti l-għajnuna tagħha lill-Kapuċċini f'Malta, b'risq il-ħidma missjunarja li qed iwettqu fil-Kenja u wkoll b'risq il-ħidma li qegħdin issa wkoll iwettqu mal-emigranti u refuġjati f'pajjiżna.

Permezz tal-Fundazzjoni U, imwaqqfa u mmexxija minn Dun Ġwann Farrugia permezz tat-tliet maratoni li saru b'risq il-missjoni, diġà ġejna mogħtija s-somma sabiħa ta' €82,000. Issa nhar il-Ħadd 25 ta' Ottubru 2015 ġejna mogħtija s-somma ta' €20,000, bil-għan li jinxtraw 80 *Life Saving Jerrycan* għall-missjoni tagħna fil-Kenja. Għalhekk mingħand il-Fundazzjoni U b'kollox sa issa nkunu rċivejna s-somma totali ta' €102,000 b'risq il-ħidma missjunarja fil-Kenja.

Nhar is-Sibt 19 ta' Diċembru 2015 l-istess Fundazzjoni U organizzat fuq l-istazzjonijiet tat-televiżjoni Maltin premaratona. Din id-darba l-għan



prinċipali kien li fi żmien il-Milied jiġu megħjuna l-emigranti u r-refuġjati li hawn f'Malta bħalissa. Għal din il-maratona ġew mistiedna wħud mir-refuġjati li l-Fundazzjoni Paċi u Ġid tal-Kapuċċini f'Malta qed tieħu ħsieb. Dawn ħadu sehem billi rrakkontaw l-esperjenzi tagħhom kemm meta kienu fl-Eritrea kif ukoll issa li jinsabu Malta. Huma lkoll faħħru l-ospitalità tagħna l-Maltin u l-Għawdxin bil-mod kif iħossuhom milqugħin.

## Aħbarijiet mill-Kenja
## Il-Musulmani jiddefendu lill-Insara

Għal darb'oħra fil-Kenja kien hemm attakk terroristiku ieħor fuq karozza tal-linja mimlija bin-nies, sejrin uħud minnhom għall-ġurnata tax-xogħol tagħhom u oħrajn biex iżuru l-familjari tagħhom għall-vaganzi tal-Milied. Dan seħħ nhar it-Tnejn 21 ta' Diċembru 2015. Grupp ta' terroristi minn Al Shabaab attakkaw lin-nies li kien hemm fuq il-*bus*, ġegħluhom jinżlu u filwaqt li poġġewhom maġenb



xulxin bdew jordnawlhom sabiex jikkwotaw sentenzi mill-Koran. Din ma kinetx esperjenza ġdida; diġà ġrat diversi drabi oħra. Il-ħsieb moħbi wara din l-ordni huwa li min jikkwota sentenzi mill-Koran ifisser li huwa Musulman, imma min ma jikkwota l-ebda sentenza jfisser li huwa Nisrani, u għalhekk jiġi maqtul fil-post. Imma din id-darba dik li kellha tkun traġedja oħra ma' dawk li diġà saru nbidlet f'att tassew kuraġġuż u nobbli. Il-Musulmani preżenti ħarġu jiddefendu lill-Insara preżenti. Ħadd minnhom ma ried jikkwota l-ebda sentenza mill-Koran, sabiex ma ssir l-ebda distinzjoni bejniethom. L-istess Musulmani qalu lit-terroristi ta' Al Shabaab sabiex jew joqtluhom ilkoll jew jeħilsuhom ilkoll. B'hekk meta raw lill-Musulmani rrabjati u qed jeħduha bl-aħrax kontrihom, it-terroristi ħarbu mill-post u ma qatlu lil ħadd minnhom, ħlief xi tnejn li fir-reazzjoni tagħhom kienu estremi u ieħor li pprova jaħrab.

Dan l-att erojku tal-Musulmani favur l-Insara, li seħħ fid-djoċesi ta' Garissa, eżattament f'Mandera, ġie

mfaħħar mhux biss mill-Vatikan imma wkoll minn diversi stazzjonijiet tar-radju u t-televiżjoni mad-dinja kollha. Huwa att li juri li l-Musulmani mhumiex kollha terroristi, imma huma dawk li b'fanatiżmu reliġjuż qed jinqdew bir-reliġjon sabiex joqtlu lil min ma jaqbilx magħhom. Dan huwa att ikkundannat mid-dinja ċivilizzata kollha, u kien il-Papa Franġisku stess li tkellem dwaru fiż-żjara riċenti li għamel proprju fil-Kenja.

Peress li dan l-att nobbli seħħ fid-djoċesi mmexxija minna l-Franġiskani Kapuċċini, l-Isqof ġdid Mons. Joseph Alessandro ppubblika stqarrija sabiex filwaqt li faħħar lill-Musulmani għall-għemil tagħhom, jappella għall-paċi u l-għaqda fost il-Kenjani kollha, speċjalment fil-ġlieda kontra t-terroriżmu.

## Is-Sena tal-Ġublew tal-Ħniena fil-Kenja

Nhar il-Ħadd 13 Diċembru l-Isqof tad-Djoċesi ta' Garissa, Ħuna Mons. Joseph Alessandro OFMCap, bħalma ġara fid-djoċesijiet kollha fil-Kenja u fil-Knisja Kattolika, ta bidu għas-Sena tal-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena ta' Alla. Dan sar billi fetaħ b'mod solenni l-Bieb tal-Katidral ta' Garissa bħala simbolu tal-bidu tas-Sena Mqaddsa. Għad-djoċesi ta' Garissa dan is-simbolu tal-ftuħ tal-Bieb għas-Sena Ġubilari għandu tifsira speċjali minħabba l-mibegħda mifruxa f'atti terroistiċi li jsiru ta' spiss, imma, hekk kif qal l-Isqof Alessandro, it-tweġiba tan-Nisrani għandha tkun dejjem il-ħniena li tidher fil-maħfra frott l-imħabba.

## Laqgħa Annwali tal-Milied

Nhar il-Ħadd 3 ta' Jannar 2016, festa tal-Epifanija tal-Mulej, saret il-laqgħa annwali għall-benefatturi, kontributuri u distributuri tar-rivista *Dawl Franġiskan*. Din saret fiċ-Ċentru Kultura Franġiskana fil-Furjana.



Il-laqgħa ta' din is-sena kellha bidu differenti minn tas-soltu, peress li bdejna billi saret memorja tal-mibki Ħuna Patri Krispin Tabone, Kapuċċin, li kien direttur tal-Uffiċċju Missjoni tal-Kapuċċini għal dawn l-aħħar 12-il sena. Ta' kull sena f'laqgħat bħal dawn kien ikun magħna. Din is-sena minbarra li nemmnu li kien magħna spiritwalment, kien magħna wkoll permezz ta' pittura-ritratt tiegħu u anke permezz ta' żewġ diskorsi li saru minn Ħuna l-Ministru Provinċjal P. Martin Micallef u s-Sur Wiston L. Zammit, ħabib intimu ta' P. Krispin. Fiż-żewġ diskorsi ħarġu l-karatteristiċi l-aktar importanti fil-personalità ta' dan il-patri Kapuċċin li ta ħajtu għall-oħrajn, speċjalment għall-fqar.



Wara din il-memorja f'ġieħ P. Krispin, tkellem Ħuna Fr Philip Cutajar, li fil-preżent huwa d-direttur tal-Uffiċċju Missjunarju tal-Kapuċċini fil-Furjana. Fid-diskors tiegħu huwa radd ħajr lill-benefatturi kollha, kemm dawk ħajjin kif ukoll dawk li ħallewna. Fr Philip esprima l-apprezzament tiegħu għal dak kollu li sar matul is-sena 2015 b'risq il-missjoni, speċjalment fejn jidħol id-dħul ta' flus minn diversi attivitajiet li saru. Huwa ta rendikont ta' kif u minn fejn daħlu l-flus miġbura b'risq il-missjoni, kif ukoll għal liema proġetti dawn il-flus servew.

Fl-aħħar nett sar it-tlugħ tal-Lotterija tal-Milied 2015 li saret b'risq il-missjoni tal-Kapuċċini. Il-biljetti li telgħu huma tar-rebbieħa:

1. Vivie Chetcuti – minn Paola – (2169 4072)
2. Alfred Gera (2133 2986)
3. Mary Bonanno – il-Mosta – (2143 2403)
4. Ginni Mangion – (2123 1400).



Msgr Joseph Alessandro OFMCap
Bishop of Garissa
Bishop's House P.O. Box 7, Garissa 70100 – Kenya
Mob: 254 0712831001
email: jaofmcap@gmail.com



# Press statement by the Catholic Church in Garissa

## *One country, one family, loving our neighbours*

*"In everything, do to others as you would have them do to you, for this is the Law and the Prophets" (Jesus, Matthew 7, 12)*

Greetings and cordial regards.

We, the Catholic Church of Garissa Diocese, are saddened by the news of loss of innocent lives in our region, which is still bleeding from the recent terrorist attacks. Our heartfelt condolences go to the families of those who were killed in the recent attack on the Mandera bound bus. We also wish those who were injured a quick recovery.

The Catholic Church appreciates the heroism shown by those Muslims who were travelling in the same bus. This confirms what the Church has always said: "Terrorism has nothing to do with any religion." These are criminals who want to wage war between Muslims and Christians. We must all unite to defeat terrorism because it is an insult to humanity and rationality.

Islam is a respected religion which has contributed to humanity greatly. The Church firmly believes that terrorists' violence and senseless destruction of life is not approved by God whatsoever. We embrace with joy the heroic acts of those Muslim passengers. This reminds all of us that, despite our differences, Kenya is one and we all have a common destiny. We should be in solidarity to go beyond ethnicity, county boundaries, political affiliations and religious convictions.

The Constitution of Kenya, in the preamble, calls us to be:

*"Committed to nurturing and protecting the wellbeing of an individual, the family, communities and the nation, while recognising the aspirations of all Kenyans for a government based on the essential values of human rights, equality, freedom, democracy, social justice and rule of law."*

We would like to appreciate our political and religious leaders who are promoting peace and unity in our country as we do too. Appreciation also goes to the law enforcers in the region, led by the Regional Coordinator for a well done job of minimizing attacks in the region.

To all the faithful of different religions, we say: "Let us follow the example of the passengers in the Mandera bound bus, in all our deeds, engagements and utterances." The act of the passengers reminds us of what Pope Francis, in his recent visit to Kenya, asked of all of us Kenyans, to be our brothers' and sisters' keepers and to stand firm in our faith so that we can win over evil.

We take this opportunity to wish all Kenyans a holy Christmas and a blessed and peaceful new year 2016.

Signed by:

Rt Rev. Bishop Joseph Alessandro
Catholic Bishop of Garissa Diocese

Rev. Fr Nicholas N. Mutua
Catholic Justice and Peace Coordinator

23rd December 2015



# ROKNA GĦAT-TFAL

**Nippartecipaw u nitgħallmu nużaw il-Bibbja**

Agendabookshop

## AQTA' MIN # 26

1. Is-sultan ħalla f'idejn dan sa ma jiġi. (1 Mak. 3, 32ss)
2. Tela' fuq l-għoljiet biex jaħbat għal Ġuda. (1 Mak. 4, 18)
3. Iġġieled b'10,000 suldat kontra 60,000. (1 Mak. 4, 28-29)
4. Ittradixxa t-teżor u art twelidu. (2 Mak. 4, 1)
5. Ħallas ħafna biex isir il-qassis il-kbir. (2 Mak. 4, 7ss)
6. Ġie milqugħ f'Ġerusalemm b'għajjat ta' ferħ. (2 Mak. 4, 21-22)
7. Min iwiddeb lill-bniedem. (Ġob 5, 17)
8. Dan jaf isawwat. (Ġob 5, 21)
9. Xeħet il-vleġeġ f'ruħ Ġob. (Ġob 6, 4)
10. Jitfa' xita ta' ġamar u kubrit fuq il-ħżiena. (S. 11, 5-6)
11. M'hawnx aktar minnhom. (S. 12, 2)
12. Jinqata' għax jitkellem bil-kburija. (S. 12, 4)

### Ir-rebbieħa tax-xahar ta' Jannar

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED. Ir-rebbieħ jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar.

Rebbieħ ta' TISLIBA 145 ta' Jannar 2016:
Raymond Fiott - 27, Triq Truċiera Twila, Kappara, San Ġwann

Rebbieħ tal-Kompetizzjoni ROKNA GĦAT-TFAL ta' Jannar 2016 'Kotba tat-Testment il-Qadim #2 ': Laura Barbara - "Geranium", Valletta Road - Qormi

Nistiednu liż-żewġ rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini - Il-Furjana.

## TISLIBA #146




1. ... niġu għandkom. (1 Tess. 2, 18) (5)
2. Jew lil Titiku jew lil dan. (Tit. 3, 12) (6)
3. Il-Mulej se jmur għand Mosè fiha. (Eż. 19, 9) (5)
4. Tħallix lil ħuk iġarrabha. (Rum. 14, 15) (5)
5. Kienu sebgħa. (2 Mak. 7, 1) (4)
6. Jintrefa' fid-damiġġani. (Mk 2, 22) (5)
7. Hekk u thenna. (Ġoel 2, 21) (5)
8. ... u nkorla bis-sħiħ. (1 Sam. 11, 6) (5)
9. Ġara fi żmien dan. (Lq. 17, 26) (3)
10. Il-... *ta' barra* u l-fqir. (Żak. 7, 10) (7)
11. u 12. X'kien Pawlu ta' Kristu. (Gal. 1, 10) (6)
13. Ftakru f'dan ta' wliedi. (Bar. 4, 14) (6)
14. Ulied Keħat u wlied... (2 Kron. 20, 19) (5)
15. Tal-Mulej dan. (Ġoż. 9, 27) (5)
16. X'għamel lill ktieb. (Ġer. 36, 27) (5)
17. Ħamra, qawwija, sħiħa. (Num. 19, 2) (5)
18. Għad-dnubiet din. (Lhud 10, 18) (7)
19. L-artali għamilhom hekk. (2 Slat. 23, 12) (4)
20. Jaduraw... lill-Mulej. (Sof. 1, 5) (3)
21. *Ħares lejna*, aħna l-ilsiera. (Ġdt. 3, 2) (5)
22. ...wieħed fqajjar. (Prov. 12, 9) (5)

### Soluzzjoni għal Tisliba 145:

1. Barka; 2. Ikunli; 3. Saħna; 4. Frott; 5. Aqwa; 6. Rażan; 7. Ajkla; 8. Raqda; 9. Kun; 10. Nittama; 11. u 12. Fittxu; 13. Xerrdu; 14. Dinbu; 15. Xmara; 16. Karfa; 17. Ahjar; 18. Imramma; 19. Ruhu; 20. Rih; 21. Bahar; 22. Fidwa.

# 8 MODI KIF TISTA' TGĦIN

## L-ewwel u qabel kollox offri t-talb u s-sagrifiċċji tiegħek għall-ħtiġijiet spiritwali tal-missjunarji.

**1. Borża ta' studju**
sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €580.

**2. Ibagħtulna bolol u telecards użati...**
Naċċettaw kull tip ta' bolol u telecards użati. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI.** Kull kilo bolol użati aħna nbigħuh b' €5 għall-missjoni.

**3. Napprezzaw li tibagħtulna rċevuti**
Tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni.

**4. Bażar b'risq il-missjoni**
Miftuħ kuljum mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9.00 u l-11.30am u bejn l-4.30 u s-7.30pm. Ejjew ixtru u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni.

**5. Napprezzaw li tibagħtulna kull oġġett**
li nistgħu nbigħu fil-bażar għall-missjoni minbarra lbies (*clothes*) u żraben użati.

**6. Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta**
sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK. Għandna bżonn: Bormla; il-Qawra; San Ġiljan; Paola; Santa Luċija.

**7. INTENZJONIJIET GĦALL-QUDDIES.**
Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

**8. Meta tiġi biex tagħmel it-testment,**
wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.



**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**

BOV Kont Missjoni Kenja 40019998299
HSBC Kont Missjoni Kenja 089-021505-050
APS bank Kont Missjoni Kenja 2000039057-6
BOV Kont Proġett - Hola Kenja 40019994646
HSBC Kont Proġett - Hola Kenja 089-021-505-052